CASSAR, Agata / Mattja / Pawlu (3)
ELLUL, Antonju, ? / Duminku, Marjetta / Ġwanni Pawlu / Luqa / Lażżru (7)
LAURINA, Pawlina (1)
MANGION, Antonina / Vennera (2)
SCICLUNA, Bernarda (1)
XIFU, Ġovanna (1)

**Total**: 17 - irġiel: 6 (35.29%), nisa : 10 (58.82%), sess mhux magħruf: 1 (5.88%).
*Kunjomijiet:* 8.
*Kunjomijiet l-aktar komuni*: Ellul (7), Cassar (3), Mangion (2).
*Infanti indikati*: 0.
*Tfal indikati*: 0.
*Etajiet indikati*: 0.
*Qassisin*: 0.
*Żewġ imwiet f'familja waħda*: 2 (Ellul).

*Qbil mal-perjodu ta' qabel*
L-imwiet żdiedu bi 8, b'żieda fin-numru tan-nisa fuq dak ta' l-irġiel; il-kunjomijiet magħrufa żdiedu b'1, waqt li Ellul baqa' l-aktar kunjom komuni.

*1612-1621:*
BALDACCHINO, Ġwanni (1)
BONNICI, Pawla (1)
CAMILLERI, Mattja (1)
CUTAJAR, Pietru (1)
ELLUL, Duminka / Luqa / Mattja (3)
FARRUGIA, Indrì (1)
VELLA, Franġiska (1)
ZAMMIT, Duminka (1)

**Total**: 10 - irġiel: 4 (40%), nisa: 6 (60%), sess mhux magħruf: 0.
*Kunjomijiet*: 8.
*Kunjom l-aktar komuni*: Ellul (3).
*Infanti indikati*: 0.
*Tfal indikati*: 0.
*Etajiet indikati*: 0.
*Qassisin*: 0.
*Żewġ imwiet f'familja waħda*: 0.

*Qbil mal-perjodu ta' qabel*:
L-imwiet tnaqqsu b' 7, waqt li n-nisa mejta jkomplu jkunu iktar mill-irġiel fin-numru; il-kunjomijiet magħrufa baqgħu l-istess, jiġifieri, 8, waqt li Ellul baqa' l-aktar kunjom komuni.

*1622-1631*:
BALDACCHINO, Antonina / Duminku (2)
BONNICI, Ġwanni / Vinċenza (2)
CAMILLERI, Bartilmew / Ġiljan (2)
CASSAR, Duminka / Duminka / Lawrenz / Speranzja / Klemenzja (5)
FORMOSA, Franġiska (1)
GAFAN, Anġelika / Pietru / Vinċenza (3)
GRECH, Bartilmew / Valenzja (2)
GRIXTI, Katerina (1)
LAURINA, Vinċenz (1)
MANGION, Lażżru (1)
PSAILA, Girgor / Lażżru (2)
SCICLUNA, Duminka / Pawlu (2)
?, Ġlorma (1)

**Total**: 25 - irġiel: 12 (48%), nisa: 13 (52%), sess mhux magħruf: 0.
*Kunjomijiet*: 13 (inkuż wieħed mhux indikat).
*Kunjomijiet l-aktar komuni*: Cassar (5) u Gafan (3).
*Infanti indikati*: 0.
*Tfal indikati*: 0.
*Etajiet indikati*: 0.
*Qassisin*: 0.
*Żewġ imwiet f'familja waħda*: 0.

*Qbil mal-perjodu ta' qabel*:
L-imwiet żdiedu bi 15, waqt li n-nisa mejta jkomplu jkunu iktar mill-irġiel fin-numru; il-kunjomijiet magħrufa żdiedu b'4, waqt li l-kunjom l-aktar komuni issa sar Cassar minn Ellul.

*1632-1641*:
BONNICI, Grazzja / Veronika (2)
CALLEJA, Duminka (1)
CARUANA, Duminka / Ġovanna / Iżabella / Vinċenz (4)
CASSAR, Ewfemja / Ġovanella / Klement / Marija / Prudenzja, Vinċenza (6)
CUTAJAR, Anġelika (1)
ELLUL, Antonju / Ġakbu / Klemenzja / Vinċenza (4)

FARRUGIA, Grazzja, Iżabella / Imperja / Katerina / Luqa / Vitor (6)
GAFAN, Antonju / Bernarda / Franġisku / Ġwanni / Vinċenz (5)
GRECH, Andrejana (1)
MAGRO, Katerina (1)
MANGION, Duminka / Indrì (2)
MICALLEF, Grazzja (1)
PSAILA, Ġwanni / Indrì (2)
SALIBA, Ġovanella (1)
SCICLUNA, Duminku / Margerita (2)
TABONE, Tumas (1)
TONNA, Ġwanni (1)
VELLA, Agata (1)
XUEREB, Mattejolu (1)

**Total**: 43 - irġiel: 17 (39.54%), nisa: 26 (61.46%), sess mhux magħruf: 0.
*Kunjomijiet:* 19.
*Kunjomijiet l-aktar komuni*: Cassar (6), Farrugia (6), Gafan (5).
*Infanti indikati*: 0.
*Etajiet indikati*: 0.
*Tfal indikati*: 0.
*Qassisin*: 0.
*Żewġ imwiet f'familja waħda*: 2 (Cassar u Farrugia).

*Qbil mal-perjodu ta' qabel*:
L-imwiet żdiedu bi 18, waqt li n-nisa mejta jkomplu jkunu iktar mill-irġiel fin-numru; il-kunjomijiet magħrufa żdiedu bi 3, waqt li Cassar baqa' l-aktar kunjom popolari.

*1642-1651*:
BALDACCHINO, Duminku (1)
BONNICI, Xmun (1)
CALLEJA, Ġlorma (1)
CASSAR, Bendu / Pietru (2)
ELLUL, Antonja / Baltassar / Duminku / Duminku / Gabrijel / Katerina / Nikola / Salvazju / Speranza (9)
FARRUGIA, Agata / Marku (2)
GAFAN, Grazzju / Indrì (2)
LAURINA, Ġovanella (1)
MAGRO, Duminka (1)

MAHNUC, Duminka (1)
MANGION, Bartilmew (1)
PSAILA, Ġulja (1)
SEYCHELL, Andrejana (1)
TONNA, Vinċenz (1)
VELLA, Katanella (1)
ZAHRA, Bartilmeja (1)
?, Klemenzja (7) (1)

**Total:** 28 - irġiel: 15 (53.57%), nisa: 13 (46.43%), sess mhux magħruf: 0.
*Kunjomijiet:* 17 (inkluż wieħed mhux indikat).
*Kunjomijiet l-aktar komuni*: Ellul (9), Cassar (2), Farrugia (2) u Gafan (2).
*Infanti indikati*: 0.
*Tfal indikati*: 1.
*Total taħt l-20 indikati*: 1.
*Etajiet indikati*: 1 (3.57%).
*Total mejtin minn 20 'l fuq indikati*: 0.
*Qassisin:* 0.
*Żewġ imwiet f'familja waħda*: 0.

*Qbil mal-perjodu ta' qabel*:
L-imwiet naqqsu bi 15, waqt li n-nisa mejta jsiru għall-ewwel darba inqas mill-irġiel fin-numru; il-kunjomijiet magħrufa naqqsu bi 3, waqt li Ellul rega' sar l-aktar kunjom komuni.

*1652-1661*:
BONNICI, Marjetta (1)
CARUANA, Grazzja, Ġwanni Marija (**I**) (2)
CASSAR, Mattew / Pawlina (2)
CUTAJAR, Katerina (**T**) (1)
ELLUL, Andrejana / Gabrijel (**3**) / Imperja (3)
FARRUGIA, Franġisku / Ġannella / Ġwanni / Katerina (4)
FELICE, Leonora (1)
FILIPPONE, Katerina (1)
LIA, Ġużeppi (**I**) (1)
MAGRO, Vittorja (1)
MAHNUC, Antonju / Lugrezja (7) (2)
MANGION, Marjetta (1)
SALIBA, Margerita (1)
TABONE, Ġwanni Marija (1)

VELLA, Antonju / Duminku (**4**) / Grazzju, Marju / Vinċenza (4)
ZAHRA, Duminku / Lorenza (2)
?, Marija (**1**) (1)

**Total**: 30 - irġiel: 13 (43.33%), nisa: 17 (56.67%), sess mhux magħruf: 0.
*Kunjomijiet*: 17 (inkluż wieħed mhux indikat).
*Kunjomijiet l-aktar komuni*: Farrugia (4), Vella (4), u Ellul (3).
*Infanti indikati*: 2.
*Tfal indikati*: 5.
*Total taħt l-20 indikati*: 7.
*Etajiet indikati*: 5 (16.67%).
*Total mejtin minn 20 'l fuq indikati*: 0.
*Qassisin*: 0.
*Żewġ imwiet f'familja waħda*: 2 (Caruana u Vella).

*Qbil mal-perjodu ta' qabel*:
L-imwiet żdiedu b' 1, waqt li n-nisa mejta jerġgħu jkunu iktar mill-irġiel fin-numru; il-kunjomijiet magħrufa baqgħu l-istess, waqt li Farrugia sar l-aktar kunjom komuni minn Ellul.

*1662-1771*:
BONNICI, Iżabella / Katerina / Katerina (**23**) / Katerina (**40**) (4)
CASSAR, Arġenta (**85**) / Franġisku (**80**), Grazzja / Ġużeppi / Katerinuza (**35**) / Marjuzza / Pawluċċju (7)
DORBES, Pietru (**4**) (1)
ELLUL, Domitilla, Duminka (**15**), Ġużeppi (**8**) / Domitilla (**I**) / Gabrijel (**I**), Marjetta (**4**) / Ġużeppi / Leonardu (**I**) / Marjetta (9)
FARRUGIA, Ġużeppi (**23**) / Leonardu / Marjuzza / Pietru (4)
FENECH, Marija (**40**) (1)
GAFAN, Anġlu, Ġovanella / Ġovanella (3)
GRECH, Katerina (**I**) (1)
LAURINA, Margerita (1)
LIA, Ġlorma (1)
MAHNUC, Antonju (**3**) (1)
MANGION, Duminku / Ġlorma (2)
PORTELLI, Katerina (1)
PSAILA, Arġenta (**50**), Ġwanni Marija (2)
SALIBA, Ġwanni (**40**) / Mattew (2)
VELLA, Marjetta / Marjuzja (**26**) (2)

XUEREB, Vittorja (1)
ZAHRA, Marija / Petruzu (**1**) (2)
ZAMMIT, Marju (**I**) (1)
ZERAFA, Marija (**30**) (1)

**Total**: 47- irġiel: 19 (40.43%), nisa: 28 (59.57%), sess mhux magħruf: 0.
*Kunjomijiet*: 20.
*L-aktar kunjomijiet komuni*: Ellul (9), Cassar (7), Bonnici (4) u Farrugia (4).
*Infanti indikati*: 5.
*Tfal indikati*: 6.
*Total taħt l-20 indikati*: 11.
*Etajiet indikati*: 17 (36.17%).
*Total mejtin minn 20 'l fuq indikati*: 11 (bejn l-20 u d-29: 3, bejn it-30 u d-39: 2, bejn l-40 u d-49: 3, bejn il-50 u d-59: 1, bejn it-80 u d-89: 2.
*Qassisin*: 0.
*Żewġ imwiet f'familja waħda*: 4 (Cassar, Ellul, Gafan u Psaila).
*Tlett imwiet f'familja waħda*: 1 (Ellul).

*Qbil mal-perjodu ta' qabel*:
L-imwiet żdiedu bi 18, waqt li n-nisa mejta jkomplu jkunu iktar mill-irġiel fin-numru; in-numru ta' mejta taħt l-20 sena jiżdied b'4, in-numru ta' mejta minn 20 sena 'l fuq jiżdied bi 11, il-kunjomijiet magħrufa jiżdiedu b'4, waqt li Ellul jerga' jsir l-aktar kunjom komuni minn Farrugia.

*1672-1679:*
AGIUS, Duminka (**I**) / Marija (**I**), Pietru (**I**) (3)
BONNICI, Antonju (**I**) (1)
CALLUS, Marju (1)
CAMENZULI, Katerinuza (**4**) / Paskal (**30**) (2)
CARDONA, Marija (1)
CARUANA, Benedittu (**1**) / Marija (2)
CASSAR, Anna Marija (**I**), Ġużeppi (**I**) / Gejtanu (**I**), Ġovanella (**I**), Klemenzju (**I**) / Klemenzju (**45**) (6)
CHIRCOP, Anna Marija (**I**) (1)
CUTAJAR, Duminku (**25**) / Klemenzja (**80**) (2)
DARMANIN, Evanġelista (**I**) (1)
ELLUL, Gabrijel (**7**) / Leonardu (**I**) / Valerju (**60**) / Vennera (4
FARRUGIA, Alfonsa (**55**) / Antoninu (**I**), Grazzja (**I**), Ġwanni (**I**) / Bernard, Lawrenz (**I**)/ Bernard, Evanġelista (**60**) / Ġwanni (**I**) / Katerina (**75**) (10)

FENECH, Grazzja (**27**) (1)
FILIPPONE, Vennera (**70**) (1)
GRECH, Anna (**I**), Ġużeppi, Pawla (**I**) / Katerinuza (**21**) (4)
LAURINA, Vitor (**85**) (1)
MAGRO, Grazzja (**4**), Ġwanni Battista (**16**), Ġwanni Pawlu (**9**) (3)
MAHNUC, Indrì / Marija (**I**) (2)
MALLIA, Grazzju (**I**) (1)
MANUELI, Grazzja (1)
PSAILA, Marjetta (**70**) (1)
SALIBA, Ġwanni Antonju (**37**) / Marija, Roża (**1**) (3)
SCHEMBRI, ? (1)
VELLA, Katerina (**45**) (1)
ZAMMIT, Lawrenz (**I**) (1)

**Total**: 55 - irġiel: 27 (49.09%), nisa: 27 (49.09%), sess mhux magħruf: 1 (1.82%).
*Kunjomijiet*: 25.
*Kunjomijiet l-aktar komuni*: Farrugia (10), Cassar (6), Ellul (4) u Grech (4).
*Infanti indikati*: 23.
*Tfal indikati*: 7.
*Total taħt l-20:* 30.
*Etajiet indikati*: 22 (40%).
*Total mejtin minn 20 'l fuq indikati*: 15 (bejn l-20 u d-29: 3, bejn it-30 u d-39: 2, bejn l-40 u d-49: 2, bejn il-50 u d-59: 1, bejn is-60 u d-69: 2, bejn is-70 u d-79: 3, bejn it-80 u d-89: 2.

*Qbil mal-perjodu ta' qabel*
Wieħed hawn irid jiftakar li dan il-perjodu ta' l-aħħar huwa nieqes minn dawk kollha ta' qablu b'sentejn. Ma' dan kollu, l-imwiet żdiedu bi 8, bin-numru ta' nisa mejta jsir l-istess bħal ta' l-irġiel, in-numru ta' mejta taħt l-20 sena jiżdied b'19, in-numru ta' mejta 20 sena 'l fuq jiżdied bi 3, l-kunjomijiet magħrufa jiżdiedu b'5, waqt li Farrugia jerga' jsir l-aktar kunjom komuni minn Ellul.

**Osservazzjonijiet**
Bejn il-1592 u l-1679 mietu b'kollox f'Ħal Kirkop 264, b'medja ta' 29.33 kull għaxar snin, jew 29.3 kull sena, jew 0.24 kull xahar, jiġifieri, wieħed kull erba' xhur. Bejn l-1592 u l-1611, il-figura tal-imwiet baqgħet l-istess (9); iżda mill-1612 sal-1641, il-figura żdiedet gradwalment sal-43. Imbagħad, bejn l-1642 sal-1651, din il-figura waqgħet għal 28, meta sal-1679 bdiet togħla gradwalment sakemm laħqet il-55.

# Tabella 2

IMWIET BEJN IL-1592 U L-1679

| | 1592–1601 | 1602–1611 | 1612–1621 | 1622–1631 | 1632–1641 | 1642–1651 | 1652–1661 | 1662–1671 | 1672–1679 | total/medja |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Total | 9 | 9 | 10 | 25 | 43 | 28 | 30 | 47 | 55 | 264/29.33 |
| Irġiel | 4 | 6 | 4 | 12 | 17 | 15 | 13 | 19 | 27 | 117/13 |
| Nisa | 4 | 10 | 6 | 13 | 26 | 13 | 17 | 28 | 27 | 144/16 |
| Infanti | | | | | | 0 | 2 | 5 | 23 | 30/7.5 |
| Tfal | | | | | | 1 | 5 | 6 | 7 | 19/4.75 |
| 20–9 | | | | | | | | 3 | 3 | 6/3 |
| 30–9 | | | | | | | | 2 | 2 | 4/2 |
| 40–9 | | | | | | | | 3 | 2 | 5/2.5 |
| 50–9 | | | | | | | | 1 | 1 | 2/1 |
| 60–9 | | | | | | | | 0 | 2 | 2/1 |
| 70–9 | | | | | | | | 0 | 3 | 3/1.5 |
| 80–9 | | | | | | | | 2 | 2 | 4/2 |
| 20–19 | | | | | | 1 | 7 | 11 | 30 | 49/12.25 |
| 20–89 | | | | | | | | 11 | 15 | 26/13 |
| Pesta | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 8 | 8 |
| malajr | 0 | 0 | 0 | 1 | 1 | 0 | 0 | 1 | 2 | 5/0.56 |
| sptar | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 2 | 1 | 0 | 0 | 3/0.33 |
| kunjomijiet | 8 | 8 | 8 | 13 | 19 | 17 | 17 | 20 | 25 | 135/15 |
| Cassar | 0 | 0 | 1 | 0 | 6 | 2 | 4 | 4 | 10 | 27/3 |
| Ellul | 1 | 3 | 0 | 3 | 6 | 2 | 2 | 7 | 6 | 30/3.33 |
| Farrugia | 2 | 7 | 3 | 0 | 4 | 9 | 3 | 9 | 4 | 41/4.56 |
| Gafan | 1 | 0 | 0 | 5 | 5 | 2 | 0 | 3 | 0 | 16/1.78 |

Minn dawn l-imwiet, 117 kienu rġiel (44.32%), u 144 kienu nisa (54.55%). Ma' dawn il-figuri, irridu nżidu 3 li s-sess tagħhom ma hux indikat (1.14%). L-unika epoka li fiha rġiel mietu iktar min-nisa kien bejn l-1642 u l-1651. Il-bqija, nisa mietu iktar mill-irġiel f'kull epoka oħra, speċjalment bejn l-1632 u l-1641 (b'9 iktar) u bejn l-1662 u l-1671 (ukoll b'9 aktar), barra bejn l-1592 u l-1601 u bejn l-1672 u l-1679, meta nisa mietu daqs l-irġiel.

L-etajiet tat-tfal bdew jiġu indikati mill-1642 'l hemm, waqt li l-etajiet tal-kbar bdew jiġu indikati mill-1662 'l hemm. Mill-etajiet indikati ta', per eżempju, bejn l-1662 u l-1671, insibu biss 22 minn 47 li mietu f'dawk l-10 snin, jiġifieri, kważi nofshom. Dan jagħmilha diffiċli li wieħed jiddetermina ta' liema età kienu jmutu f'dik l-eopka. Iżda minn dawk it-22, almenu wieħed jista' jgħid li nofs l-imwiet kien ikun taħt l-20 sena b'medja ta' 12.25 kull għaxar snin, jew 1.23 kull sena, li kienu iktar infanti milli tfal; waqt li nofs l-imwiet l-ieħor kienu ta' 20 sena 'l fuq b'medja ta' 13 kull għaxar snin, jew 1.3 kull sena. Minn dawn ta' l-aħħar, wieħed jinnota li l-biċċa l-kbira tal-età tal-kbar kienet twassal sas-60 sena. Interessanti, però, li wieħed jinnota li bejn l-1662 u l 1679, is-snin li dawn l-etajiet kienu indikati, mietu 4 'l fuq minn 80 sena, tnejn minnhom imsemmijin iktar 'l isfel.

Il-kunjomijiet li l-aktar jispikkaw kienu Farrugia li bejn l-1592 u l-1679 kellhom 41 imwiet, Ellul (30), Cassar (27) u Gafan (16). Biss biss, bejn l-1672 u l-1679 mietu 10 Cassar, bejn l-1642 u l-1651 mietu 9 Farrugia, u bejn l-1662 u l-1671 9 Farrugia oħra.

*Aktar osservazzjonijiet huma dawn li ġejjin:*
*Aċċidenti imsemmija:*
Ellul, Antonju (27 ta' Settembru, 1632) li miet il-Birgu fejn kien ġie ferut.
Tonna, Vinċenz (13 ta' Lulju, 1648) li miet fgat fil *fossa d'orgio* ta' Romano fuq Bormla.
**Total**: 2.

*Marda tal-pesta*:
Cardona, Marija (12 ta' Marzu, 1676).
Caruana, Marija (30 ta' Marzu, 1676).
Cutajar, Duminku (13 ta' Ġunju, 1676).
Magro, Ġwanni Battista (13 ta' Ġunju, 1676).
Magro, Ġwanni Pawlu (11 ta' Ġunju, 1676) (ħu ta' qablu).
Mahnuc, Indrì (9 t'April, 1676).
Manueli, Grazzja (29 ta' Marzu, 1676).
Saliba, Marija (11 ta' Ġunju, 1676).
**Total**: 8.

*Epoka*: 12 ta' Marzu, 1676 - 28 ta' Ġunju, 1676 (tlett xhur u nofs).[3]
*Imwiet fl-isptar barra mir-raħal:*
Baldacchino, Duminku (2 ta' Lulju, 1649).
Bonnici, Xmun (11 ta' Lulju, 1642).
Tabone, Ġwanni Marija (27 ta' Marzu, 1659).
**Total**: 3.

*Imwiet ta' malajr*:
Callus, Marju (13 ta' Ġunju, 1678).
Ellul, Ġużeppi (11 t'April, 1669).
Farrugia, Alfonsa (23 ta' Frar, 1679).
Grech, Andrejana (2 ta' Ġunju, 1639).
Psaila, Lażżru (29 t'Awwissu, 1624).
**Total:** 5.

*Imwiet barra mir-raħal*:
Baldacchino, Duminku (2 ta' Lulju, 1649).
Bonnici, Xmun (11 ta' Lulju, 1642).
Callus, Marju (13 ta' Ġunju, 1678) miet għal għarrieda fil-knisja ta' Ħal Millieri.
Ellul, Antonju (27 ta' Settembru, 1632) li miet il-Birgu fejn kien ġie ferut.
Grech, Valenzja (25 ta' Novembru, 1630) fil-Belt Valletta, fejn kienet toqgħod.
Tonna, Vinċenz (13 ta' Lulju, 1648) li miet fgat fil *fossa d'orgio* ta' Romano fuq Bormla.
Tabone, Ġwanni Marija (27 ta' Marzu, 1659).
**Total:** 7.

*Midfunin barra mir-raħal*:
Cardona, Marija (12 ta' Marzu, 1676) fiċ-ċimiterju ta' San Ġakbu.
Caruana, Marija (30 ta' Marzu, 1676) fiċ-ċimiterju ta' San Ġakbu.
Cutajar, Duminku (13 ta' Ġunju, 1676) fiċ-ċimiterju ta' San Ġakbu.
Ellul, Vennera (28 ta' Ġunju, 1676) fl-Imqabba.
Falzon, Teramu (12 t'Ottubru, 1596) fil-knisja ta' Birmiftuħ.
Gafan, Rev. Brinkatu (24 ta' Diċembru, 1595) fil knisja ta' Birmiftuħ.
Magro, Ġwanni Battista (13 ta' Ġunju, 1676) fiċ-ċimiterju ta' San Ġakbu.
Magro, Ġwanni Pawlu (11 ta' Ġunju, 1676) fic-ċimiterju ta' San Ġakbu (ħu ta' qablu).
Mahnuc, Indrì (9 t'April, 1676) fic-ċimiterju ta' San Ġakbu.
Manueli, Grazzja (29 ta' Marzu, 1676) fic-ċimiterju ta' San Ġakbu.
Saliba, Marija (11 ta' Ġunju, 1676) fic-ċimiterju ta' San Ġakbu.
**Total**: 11.

*L-iżgħar età indikata*:
Ellul, Leonardu (6 ta' Novembru, 1678) ta' jum.

*L-ogħla età indikata:*
Cassar, Arġenta (13 t'April, 1671) ta' 85 sena.
Laurina, Vitor (18 ta' Novembru, 1675) ta' 85 sena.

*L-ewwel imwiet imsemmi*:
Cuschieri, Antonella (24 ta' Jannar, 1592).[4]

*L-ewwel qassis mejjet imsemmi*:
Gafan, Rev. Brankatu (24 ta' Diċembru, 1595).

*Qassisin mejta msemmija*:
Gafan, Rev. Brancatu (24 ta' Diċembru, 1595).

*Mejtin bl-isem ta' Leonardu:*
Ellul, Leonardu (14 ta' Jannar, 1668).
Ellul, Leonardu (6 ta' Novembru, 1678) (festa ta' San Leonardu).
Farrugia, Leonardu (11 ta' Marzu, 1669).
**Total:** 3.

*Mejtin bl-isem ta' Benedittu:*
Caruana, Benedittu (25 ta' Diċembru, 1679).
Cassar, Bendu (15 t'Awwissu, 1646).
Ellul, Bendu (5 ta' Jannar, 1596).
**Total**: 3.

*Mejtin b'laqam*:
Calleja, Duminka (10 ta' Lulju, 1638) "ta' Lejnu".

*Mejtin b'xi deskrizzjoni:*
Baldacchino, Duminku (12 ta' Marzu, 1629) kien bumbardier.

*Affarijiet oħra straordinarji msemmija*:
Ellul, Ġakbu (18 ta' Frar, 1596) ġie midfun fil-qabar ta' missieru, Bendu, li kien miet biss xi xahar qabel (5 ta' Jannar, 1596)

**Imwiet minn Ħal Safi bejn il-1592 u l-1597**
Falzon, Teramu, midfun Birmiftuħ (12 t'Ottubru, 1596).

**Osservazzjonijiet**
**Total**: 1, raġel
*Epoka*: 1592-1597: 6 snin
*Medja*: 0.17
*Kunjom*: Falzon

**Imwiet mill-Imqabba mill-1592 u l-1596**
?, ?, mart Kajxuni (15 ta' Frar, 1592)

**Osservazzjonijiet**
**Total**: 1, mara
*Epoka*: 1592-1596: 5 snin
*Medja*: 0.2
*Kunjom*: ?

**Konklużjoni**
Minn dan l-istudju li għadna kemm segwejna, ninnotaw kemm minn 232 żweġijiet li seħħew f'Ħal Kirkop f'80 sena (1592-1671), ftit Koppin (kwart ta' dawk li kienu żżewwġu) kienu jieħdu Koppin. Naraw ukoll li minn dawk li kienu jiżżewwġu nies minn barra r-raħal, il-biċċa l-kbira kienu jkunu nisa, u kienu jsibu rġiel l-aktar mill-irħula fil-viċin u mill-Port il-Kbir. Mill-banda l-oħra, naraw li mill-familji kollha li kien ikollhom it-tfal fir-raħal (256 koppji f'80 sena), daqs terz minnhom biss (97) kienu miżżewwġa f'Ħal Kirkop; iż-żewġ terzi l-oħra kienu magħmula minn nies li żżewwġu barra r-raħal, u li ġew joqgħodu hawn, imqar għal perjodu qasir.

Fl-ewwel 80 sena tal-parroċċa tagħna, 256 koppji ġabu fid-dinja total ta' 928 trabi, medja ta' 11.6 kull sena minn medja ta' 3.2 familja, ukoll kull sena. Kull familja kien ikollha bħala medja 3.63 trabi, u kienet iddum iġġib it-tfal fid-dinja għal 8.43 snin, kull 2.32 sena, bħala medja.

Minn 232 żweġijiet li seħħew fir-raħal bejn l-1592 u l-1671, li minnhom 97 biss kellhom it-tfal hawn, il-biċċa l-kbira taż-żweġijiet lokali (135) jew ma kellhomx tfal, jew kienu jmorru jgħixu barra r-raħal eżatt wara ż-żwieġ. Minn 256 koppja li kienu reżidenti f'Ħal Kirkop u li kellhom it-tfal fir-raħal, innaqqsu dawk is-97 miżżewwġin hawn, u nsibu li 159 koppja kienu ġew joqogħdu hawn, għalkemm miżżewwġin minn barra r-raħal. Jekk, imbagħad, innaqqsu minn 159 koppja li ġew joqogħdu hawn il-135 li ma kellhomx it-tfal hawn, insibu li fi 80 sena kien hawn b'kollox influss żgħir ta' 24 koppja biss. Dan ifisser li fl-ewwel 80 sena tal-parroċċa, il-popolazzjoni baqgħet stabbli peress li kienu jitilqu jew ma jkollhomx tfal kważi daqs kemm kienu jiġu u jkollhom.

Għalhekk, mela, f'dawn it-80 sena, kien hawn madwar 280 familja (256 + 24). Jekk nikkonsidraw li familja normali ddum trabbi t-tfal sa madwar 25 sena, allura nistgħu nikkonkludu li f'sena kont issib fir-raħal 88 familja ([25 / 80] x 280 = 88), bi 3.63 trabi kull familja bħala medja. Dan ifisser li f'sena kont issib minn ta' l-inqas 176 kbar (88 x 2) u 319 (88 x 3.63) tfal. Dan ifisser li l-popolazzjoni totali f'sena kienet ta' 495. Fil-fatt, skond l-Abela, li hu kkwotat fil-bidunett tar-Reġistru (ara isfel), u li għix madwar l-1650, in-numru ta' familji f'Ħal Kirkop kien jammonta għal 88.[5]

L-epoka f'dawn it-80 sena li fihom saru l-aktar magħmudijiet (148) minn 70 familja b'40 kunjomijiet differenti kien bejn l-1622 u l-1631. L-epoka ta' bejn l-1662 u l-1671 kienet ukoll importanti, għaliex minkejja li l-familji naqsu għal 45, u l-kunjomijiet naqsu għal 21, il-magħmudijiet kienu żdiedu għal 117 miż-żmenijiet ta' qabel. Dan ifisser li l-magħmudijiet kienu ħafna iktar meta tikkonsidra li l-familji kienu ħafna inqas. F'dawn it-80 sena, l-aktar kunjomijiet komuni kienu dawk ta' Farrugia, Ellul, Cassar u Vella.

Bejn l-1592 u l-1679, mir-reġistru ta' l-imwiet ta' dan l-ewwel volum ngħoddu li mietu 264 fi 88 sena tal-bidu tal-parroċċa. Dawn kienu jmutu bħala medja kważi 3 kull sena. Dan ifisser li l-popolazzjoni setgħet iżżomm stabbli peress li kienu jitwieldu madwar 12 fis-sena bħala medja. L-etajiet ta' l-imwiet ma tantx kienu jitniżżlu, u għalhekk diffiċli li wieħed jitkellem fuq l-etajiet fiċ-ċert; ma' dan kollu, wieħed jista' jgħid li nofs l-imwiet ta' dawk indikati kien dak ta' taħt l-20 sena, u n-nofs l-ieħor ta' bejn l-20 u s-60.

Skond l-ewwel kappillan tar-raħal, Dun Karlu Taliana, l-Imqabba nqatgħet minn Ħal Kirkop fl-1 t'April, 1596 (ara l-Appendiċi, isfel). Fil-perjodu ta' bejn il-bidu tal-parroċċa u din id-data, ġew reġistrati 3 żweġijiet, 14 magħmudijiet u mewta waħda. Jidher li f'dan il-perjodu kien hemm 11 il-familja b'10 kunjomijiet differenti (fosthom, l-iktar komuni, dawk ta' Agius, Ciantar, Scicluna u Zammit), li bejniethom kienu jġibu fid-dinja 2.8 trabi fis-sena b'medja ta' 1.27 kull familja.

Skond l-istess kappillan, Ħal Safi nqata' minn Ħal Kirkop fis-27 ta' Diċembru, 1597 (ara l-Appendiċi, isfel). Fl-istess perjodu ġew reġistrati 3 żweġijiet, 32 magħmudijiet u mewta waħda. Jidher li f'dan il-perjodu kien hemm 25 familja b'16 kunjomijiet differenti (fosthom, l-iktar komuni, dawk ta' Abdilla, Dalli u Sciriha), li bejniethom kienu jġibu fid-dinja 5.33 trabi fis-sena b'medja ta' 1.28 kull familja.

Jidher, għalhekk, li l-popolazzjoni ta' Ħal Safi kienet ikbar minn dik ta' l-Imqabba, waqt li dik ta' Ħal Kirkop kienet bil-ferm ikbar miż-żewġ irħula l-oħra meħudin flimkien.[6] Biss biss, fl-ewwel 10 snin tal-parroċċa tiegħu, Ħal Kirkop kellu 27 żweġijiet, 89 magħmudijiet u 9 imwiet.

## APPENDIĊI

*L-EWWEL NOTA LI TIDHER FIL-BIDUNETT:*

*Casale Chircop* (Abela: *Kircop*), *il presente Casale, contiene ottanta otto fuochi, con tre cento settanta tre anime nella milizia soggiate (*Abela*: soggiace) al Capitano della Gudia. Nell'Abela al fol.103.*

*Qui secondo l'ordine della precedenza, ò anzianità delle Parrochie entra il posto delle due di S[an] Leonardo di Cas[ale] Chircop (*Abela*: Kircop), e dell'Annunciata della Beatissima Vergine di Cas[ale] Tarsen (*Abela*: Tarscien), le quali come erette in un medesimo tempo, osservano fra di loro vicendevole alternativa; onde senza pregiudizio della prima già nominata, disuureremo (*Abela*: discorreremo) della seconda. L'Abela al fol. 378 e nella Santa Visita della felice Mer. Del Mons. Gargalli dell'anno 1598.*

*(f.379) Chiesa di San Leonardo di Cas[ale] Chircop (*Abela*: Kircop). Di lui è stata sempre la principale e sotto la medesima invocatione; fù separata da quella di Birmiftuch (*Abela*: Birmiftuh), ed eretta in parocchia (*Abela*: parrocchia) l'anno 1592 con l'unione d'altre due Casali, cioè Micabiba (*Abela*: Micabba), e Safi à 29 di Maggio; vitrovandosi allora vacante la Matrice, per morte di D[on] Bartolomeo Mangione, havutosi prima considerazione di Monsignor Vescovo alla giusta richiesta degl'habitatori attesa la distanza di tre miglia almeno, che si fraponeva dalla Matrice à ciascheduno de i tre Casali, i quali fra di loro erano contigui, e consistevano in cinquanta case per uno; restando la Matrice dopo (*Abela*: doppo) questa dismembrazione (a cui era stato deputato Parrochiano D[on] Gasparo Gristi) con tre Casali, cioè a dire Gudia d'ottanta case, Luca di cento trenta, e Farrugi (*Abela*: Farruggi) di dieci, benchè hoggi contenghino maggior habitato. Fu questa nuova Parocchia conferita in persona del Sacerdote D[on] Carolo (*Abela*: Carlo) Taliana, ella dopo il di lui preso possesso, havendo gl'habitanti della Micabiba (*Abela*: Micabba) e Safi supplicato di poter continuare, sotto l'antica Parochia (*Abela*: Parrocchia) di Birmiftuch (*Abela*: Birmiftuh), con rappresentare non meno il dispiacere, che sentivano di lasciar quivi gl'antichi sepulchri (*Abela*: sepolchri) de' loro antenati, che l'incommodità nel dover fare nuova fabrica di chiesa; volendo il Vescovo mantener ferma la divisione fatta, e sodisfar in parte al desiderio de' sudditi, decretò sotto li 24 di Gennaro (*Abela*: Gennaio) 1593 che il nuovo parocchiano Taliana andar dovesse ad esercitar la cura dell'anime nell'istessa Chiesa di Birmiftuch, in modo però, che ciascuno de i due Parocchiani conferisse i Sacramenti a i suoi, ed havesse chiave commune (*Abela*: comune) della Chiesa, della Custodia del S[antis]s[i]mo Sacramento, del fonte Battesimale, e della Sachrestia (*Abela*: sacrestia): così restò tal differenza sospita fino all'anno*

*1598 (*Abela*: mille cinquecento novant'otto), nel quale Micabiba (*Abela*: Micabba), e Safi, ogn'uno da per se fù istituita Parocchia (*Abela*: Parrocchia) - - - l'Abela come al fol. 379.*

"Ħal Kirkop. Ir-raħal preżenti għandu tmienja u tmenin familji, bi tlett mija u tlieta u sebgħin ruħ fl-armata taħt il-Kaptan tal-Gudja (Abela f.103).

"Hawn skond l-ordni tal-preċedenza, jew qedem tal-parroċċi, jidħol post iż-żewġ parroċċi ta' San Leonardu ta' Ħal Kirkop u ta' l-Annunzjata tal-Wisq Beata Verġni ta' Ħal Tarxien, liema tnejn, bħala eretti fl-istess żmien, iċedu lil xulxin; u għalhekk, mingħajr preġudizzju ta' l-ewwel ġa nominata, sejrin nitkellmu fuq it-tieni. (Abela f. 378 u l-Viżta Sagra tal-... feliċi ta' Mons. Gargallo tas-sena 1598).

"Knisja ta' San Leonardu ta' Ħal Kirkop. Tiegħu kienet dejjem il-prinċipali u taħt l-istess invokazzjoni;[7] kienet maqtugħa minn dik ta' Birmiftuħ, u mwaqqfa f'parroċċa fis-sena 1592 b'għaqda ta' żewġ irħula oħra, jiġifieri, l-Imqabba u Ħal Safi fid-29 ta' Mejju;[8] meta dak iż-żmien il-matriċi kienet tinsab vakanti minħabba l-mewt ta' Dun Bartilmew Mangion,[9] waqt li l-ewwel konsiderazzjoni ta' Mons. Isqof kienet tat-talba ġusta ta' l-abitanti minħabba d-distanza ta' tlett mili mill-inqas li kien hemm bejn il-Matriċi u kull waħda mit-tlett irħula, liema rħula jmissu ma' xulxin, u kienu jikkonsistu f'ħamsin djar f'kull waħda; waqt li l-Matriċi (li għaliha kien appuntat kappillan Dun Gaspare Grixti), wara din il-firda, baqgħet bi tlett irħula, jiġifieri, il-Gudja bi tmenin djar, Ħal Luqa b'mija u tletin, u Ħal Farruġ b'għaxra, minkejja li llum huma iktar abitati.

"Din il-parroċċa ġdida ġiet imħollija f'idejn il-persuna tas-saċerdot Dun Karlu Taliana; wara li huwa ħa l-pussess, u wara li l-abitanti ta' l-Imqabba u Ħal Safi talbu li jkunu jistgħu jkomplu taħt il-parroċċa antika ta' Birmiftuħ,[10] waqt li ppreżentaw xejn inqas id-dispjaċir, li ħassew li ħallew hemmhekk l-oqbra antiki ta' l-antenati tagħhom, kif ukoll l-inkonvenjent li kellhom jibnu knisja ġdida; waqt li l-Isqof xtaq li jżomm sħiħa d-diviżjoni li kienet twettqet, u li jissodisfa f'parti x-xewqa tas-sudditi, ħareġ digriet fl-24 ta' Jannar, 1593, li l-kappillan il-ġdid Taliana kellu jmur jeżerċita l-kura ta' l-erwieħ fl-istess knisja ta' Birmiftuħ, imma b'tali mod li kull wieħed miż-żewġ Kappillani kellu jagħti s-sagramenti lill-parruċċani tiegħu, u jkollu ċavetta komuni tal-knisja, tal-Kustodja tas-Santissimu Sagrament, tal-fonti tal-magħmudija, u tas-sagristija: b'hekk ġiet imwaqqfa d-differenza sas-sena 1598,[11] li fiha l-Imqabba u Ħal Safi, kull waħda minnhom, ġew imwaqqfa parroċċa (Abela f.379)."

*IL-QTUGH TA' ĦAL SAFI U L-IMQABBA MINN ĦAL KIRKOP:*
f.11: *Die p[rimo] mensis Aprilis 1596:*
*finis Cas[ale] Micabiba*

"1 t'April, 1596: għeluq (id-dħul) tar-raħal ta' l-Imqabba (fir-reġistru)."[12]

f.19: *27 di Dec[em]bro 1597:*
*finis Casalis Safi*

"27 ta' Diċembru, 1597:
Għeluq (id-dħul) ta' Ħal Safi (fir-reġistru)."

*IT-TIELET NOTA LI TIDHER FIL-BIDUNETT:*

> *Inserno della Parrochia di C[asale] Percop fatto da me Don Carlo Taliana Cappellano della sudetta parrochia. Al primo di gennaro 1592 per quelli i quali sarrano battezati sposati et defuncti.*

"Reġistru tal-parroċċa ta' Ħal Kirkop magħmul minni Dun Karlu Taliana, Kappillan ta' l-imsemmija parroċċa, fl-ewwel ta' Jannar, 1592, għal dawk li ser jiġu mgħammda, miżżewwġa u midfuna."

*NOTA FL-IMWIET TA' L-1632:*

> *Nel anno 1632 che fu l'infermità della Gula morsero dal cas[ale] Percop n[ume]ro 9 et ammalati furono 60.*

"Fis-sena 1632, li kellha il-marda tal-grieżem, mietu minn Ħal Kirkop 9 u kienu morda 60 [Kappillan Dun Alessandru Bellia]."

*Referenzi għall-kelma matriċi:*

**Imwiet**
Cutajar, Katerina (27 ta' Settembru, 1652).
Ellul, Imperja (18 ta' Mejju, 1655).
Ellul, Salvazju (26 ta' Mejju, 1647).
Farrugia *sive* Lombardo, Ġannella (2 ta' Jannar, 1654).
Farrugia, Ġwanni (4 ta' Marzu, 1655).
Felice, Leonora (2 ta' Marzu, 1653).
Filippone, Katerina (22 ta' Mejju, 1654).
Mahnuc, Lugrezja (26 ta' Settembru, 1653).
Zahra, Duminku (8 t'Awwissu, 1652).
**Total**: 9.
*Epoka*: 1647-1655 (Kappillan Dun Ġwann Xmun Azzopardi).

*NOTA TAT-13 TA' JANNAR, 1654:*

*E stata fatta la visita martedì sera da Monsig[no]r Ill[ustrissi]mo fra Michele Balaguer Vescovo di Malta e Gozzo nel mio casale Chircop in presentia delli Sig[no]ri Vissit[a]rii e anco di Monsig[no]r Viccario il Sig[no]r D[on] Antonio Tolosenti e il signor Asses[o]re D[on] Alexandro Bolognia.*

"Saret il-viżta t-Tlieta fl-għaxija minn Monsinjur Illustrissimu Fra Mikiel Balaguer, Isqof ta' Malta u Għawdex, fir-raħal tiegħi ta' Kirkop fil-preżenza tas-Sinjuri Viżitaturi u wkoll ta' Monsinjur Vigarju, s-Sinjur Dun Antonju Tolosenti, u s-Sinjur Assessur, Dun Alessandru Bolognia [Kappillan Dun Ġwann Xmun Azzopardi].

*NOTA TAT-30 TA' NOVEMBRU, 1667:*

*E stata fatta la visita Giovedì sera da Monsig[no]r Ill[ustrissi]mo fra Luca Bonus Archivescovo di Thesalonica et Vescovo di Malta et Gozzo nella mia Parochiale di Cas[ale] Corcop in presentia delli Sig[no]ri D[on] Dom[eni]co Cagniano et del Sig[no]r D[on] Giacobo Desein Essendo Cappelano D[on] Dom[eni]co Farrugia.*

"Saret viżta l-Ħamis fl-għaxija minn Monsinjur Illustrissimu Fra Luqa Bonus, Arċisqof ta' Tessaloniki u Isqof ta' Malta u Għawdex fil-parroċċa tiegħi ta' Ħal Kirkop, fil-preżenza tas-Sinjuri Dun Duminku Cagniano u tas-Sinjur Dun Ġakbu Desein, waqt li Kappillan kien Dun Duminku Farrugia."

*NOTA TA' L-10 TA' LULJU, 1673:*

*E stata fatta la Visita Lunedì matina in che furono li 10 d[ett]o nella Chiesa parochiale di Cas[ale] Corcop dal Illustrissimo et R[everen]d[issi]mo Monsig[no]r Vescovo fra Lorenzio de Azitria Vescovo di questa diocesi di Malta e Gozzo ... assistendoli ministri nel Ceremonia Il R[everen]d[issi]mo Vicario.Generale D[on] Gio[vanni] Antonio Cauchi et il M[ol]to Ill[ust]re Sig[no]r Tezoriero Xiberras et il M[ol]to Ill[ust]re Archiprete della Cadedrale Desein.*

"Saret il-Viżta t-Tnejn fil-għodu fl-10 ta' l-imsemmi (xahar) fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Kirkop mill-Illustrissimu u Reverendissimu Monsinjur Isqof Fra Lawrenz de Azitria, Isqof ta' din id-djoċesi ta' Malta u Għawdex ... waqt li kienu jassistuh bħala Ministri fiċ-Ċerimonja r-Reverendissimu Vigarju Ġenerali Dun Ġwann Antonju Cauchi u l-Wisq Illustri Sinjur Teżorier Sciberras u l-Wisq Illustri Arċipriet tal-Katidral, Desein."

*IT-TIENI NOTA LI TIDHER FIL-BIDUNETT:*

*Nota dell'Atto della Mediadecima pagata in perpetuum spettante alla Chiesa Parrocchiale del Chercop.*

*Li 6 Ottobre 1693. In Atti del Mag[nifi]co Notar Giuseppe Callus, Il Rev[eren]do Sig[no]r Don Domenico Farrugia Parroco della Chiesa sud[et]ta satisfece in perpetuum il pag[amen]to dovutogli per parte della sud[et]ta Chiesa della Mediadecima.*

"Nota ta' l-Att ta' nofs l-għexur imħallsa għal dejjem rigward il-knisja parokkjali ta' Ħal Kirkop.

"Is-6 t'Ottubru, 1693. Fl-Atti tal-Manifiku Nutar Ġużeppi Callus, il-Reverendu Sinjur Dun Duminku Farrugia, kappillan ta' l-imsemmija knisja, ħallas għal dejjem il-pagament ta' nofs l-għexur dovut minnu f'parti ta' l-imsemmija knisja."

*Qassisin f'Ħal Kirkop*:

Dun Vinċenz Callus, Viċi, miż-Żurrieq (*Żwieġ*, 7 ta' Jannar, 1596; f.10, 22 ta' Jannar, 1596; parrinu: f.39, 21 ta' Jannar, 1608).

Dun Stiefnu Buttigieg, Viċi (f.22, 12 ta' Diċembru, 1599; *Imwiet*, 12 ta' Jannar, 1600; *Żwieġ*, 23 ta' Jannar, 1600).

Dun Anġlu (f.31, 4 ta' Jannar, 1605).

Dun Luqa Scembri, Viċi (*Żwieġ*, 15 ta' Frar, 1618).

Dun Karlu Taliana, Kappillan (*Imwiet*, 29 t'April, 1624).[13]

Dun Indrì Farrugia, Viċi (parrinu: f.76, 8 ta' Diċembru, 1624; f.78, 28 ta' Ġunju, 1626; *Żwieġ*, 13 ta' Settembru, 1626; *Imwiet*, 15 t'Ottubru, 1626; xhud: *Żwieġ*, 9 ta' Jannar, 1628).

Dun Ġwann Pace (f.78, 15 ta' Jannar, 1626).

Dun Girgor Azzopardi (f.78, 5 t'April, 1626).

Dun Alessandru Bellia, Kappillan (f.86, bejn it-8 ta' Diċembru, 1628 u t-8 t'April, 1629; 21 di Febraro 1629: "*ho preso possesso della Paróchiale*"; *Żwieġ*, 20 t'April, 1629; *Imwiet*, 3 ta' Mejju, 1635; *Imwiet*, 20 t'Ottubru, 1640).[14]

Dun Salv Mangion, Viċi (f.86, 8 t'April, 1629).

Dun Ġwann Ellul, U.J.D. (f.95, 12 ta' Lulju, 1632; f.95, 27 t'Awwissu, 1632; xhud: *Żwieġ*, 1 ta' Mejju, 1633; xhud: *Żwieġ*, 11 t'Awwissu, 1652).

Dun Lawrenz Cassar, Viċi (f.121, 1 ta' Jannar, 1643).

Dun Mikiel (parrinu: f.124, 27 ta' Lulju, 1644; f.130, 14 ta' Lulju, 1647).

Dun Ġwann Xmun Azzopardi, Viċi (xhud: *Żwieġ*, 1 ta' Ġunju, 1647; f.130, 14 ta' Lulju, 1647; f.138, 14 ta' Jannar, 1652: "*Ill[ustrissi]mo e Rev[erendissi]mo Monsig[no]r Vescovo fra Michele Giova]nne Balaguer Vescovo di Malta e Gozzo mi have mandato per Vicario nel casale del Chorcop in loco del q[uondam] Rev[eren]do D[on] Alexandro Bellia*"; 14 ta' Jannar, 1652;

Kappillan: *Imwiet*, 1 ta' Settembru, 1652; 6 ta' Settembru, 1652, "*Venerdi sera il Re[veren]d[issi]mo Monsig[no]r Viccario il Sig[no]r D[on] Antonio Tolosenti si degnò di venire darmi posseso della pa[rrochia]le ecl[es]ia del Chircop con la sollenitta del medessimo Rogiulo ? in presentia del Sig[no]r Macedonia e Notaro il Sig[no]r Gialuca Mamu. D[on] Simone Azzuppardo Parocho nel Chircop*".[15]

Dun Kożma Farrugia (parrinu: f.119; xhud: *Żwieġ*, 11 t'Awwissu, 1652).[16]

Dun Franġisku Mangion (xhud: *Żwieġ*, 11 t'Awwissu, 1652).

Dun Duminku Ellul, Viċi (xhud: *Żwieġ*, April, 1655; f.145, 17 ta' Jannar, 1659).

Dun Ewġenju Pulis, Viċi (22 t'Awwissu, 1655; f.142, 19 ta' Settembru, 1655).

Dun Ġwann Batista Coleiro (xhud: *Żwieġ*, 22 t'Awwissu, 1655).

Dun Kożma Zahra (xhud: *Żwieġ*, 22 t'Awwissu, 1655).

Dun Silvju Pace (parrinu: f.145, 30 ta' Ġunju, 1658).

Dun Mattew Stafrag (f.146, 6 t'Awwissu, 1659: "*moderno Cappellano del Cas[ale] Corcop*").[17]

Dun Ġwann Maria Cassar (minn Hal Kirkop), Viċi (parrinu: f.151, 2 ta' Jannar, 1663; f.164, 30 ta' Jannar, 1669); Kappillan ta' Hal Safi maħtur mill-Isqof Bueno[18].

Dun Ġwann Luqa Pace (xhud: *Żwieġ*, 29 ta' Ġunju, 1663).

Dun Duminku Farrugia, Kappillan (xhud: *Żwieġ*, 29 ta' Ġunju, 1663; parrinu: f.153, 19 t'April, 1665; f.153, 1 ta' Mejju, 1665; 16 t'Awwissu, 1665).[19]

Dun Pietro Ellul (parrinu: f.151, 23 ta' Novembru, 1663).

Dun Orazju Farrugia (xhud: *Żwieġ*, 16 t'Awwissu, 1665).

*Rħieb ta' Hal Kirkop:*

Franġisku Farrugia (xhud: *Żwieġ*, 25 t'Awwissu, 1630).

*Sagristani ta' Hal Kirkop:*

Pietru Coleiro (xhud: *Żwieġ*, 24 ta' Lulju, 1594).

Girgor Camilleri (parrinu: f.15, 22 ta' Jannar, 1597).

Franġisku Farrugia (*Żwieġ*, 28 ta' Lulju, 1624; parrinu: f.90, 12 ta' Novembru, 1630).

Franġisku Caruana (xhud: *Żwieġ*, 7 ta' Jannar, 1634).

Kożma Farrugia (parrinu: f.113, Novembru, 1639).

*Kaptani ta' Hal Kirkop:*

Fra Ruġġieru Raijneri (parrinu: f.40, 18 ta' Jannar, 1609).

Fra Ġużeppi di Cortine (parrinu: f.58, 22 ta' Frar, 1615).

*Avukati ta' Ħal Kirkop*:
Ġwanni Ellul (missier: *Magħmudija*, 12 ta' Lulju, 1632).

*Qassisin ta' Birmiftuħ:*
Dun Marju Mallia, Kappillan (f.69, 1 ta' Jannar, 1621).

*Kaptani ta' Birmiftuħ:*
Fra Ġakbu di Joiel Alloanes (parrinu: f.46, 6 ta' Frar, 1611).
Fra Filibertu della Spina Dolan (parrinu: f.67, 9 ta' Frar, 1620).

*Qassisin ta' Cospicua:*
Dun Mikiel, Kappillan (f.118, 9 ta' Frar, 1642).
Dun Ġwann Taliana (xhud: *Żwieġ*, 25 ta' Settembru, 1667).

*Qassisin ta' l-Imdina:*
Dun Ġużepp Prat (parrinu: f.85, 8 t'Ottubru, 1628).
L-ispeċjali Dun Antonju Xara, Kaptan tal-Virga (xhud: *Żwieġ*, 8 ta' Settembru, 1664).

*Qassisin ta' l-Imqabba:*
Dun Ġwanni Pawlu Agius (parrinu: f.10, 22 ta' Jannar, 1596).
Duttur Dun Anġlu Mallia (parrinu: f.139, 22 ta' Jannar, 1653; parrinu: f.148, 5 ta' Ġunju, 1660).

*Nies ta' l-Imqabba:*
Duminku Vassallo, Kirurgu (xhud: *Żwieġ*, 26 ta' Jannar, 1631).

*Qassisin ta' Ħal Għaxaq:*
Dun Ewġenju Pulis S.Th.D., Kappillan (parrinu: f.148: 2 ta' Diċembru, 1660).

*Qassisin tal-Qrendi:*
Dun Ġwanni Pawlu Barbara (parrinu: f.140, 17 ta' Marzu, 1653).

*Qassisin ta' Ħal Safi:*
Dun Mattew Sciriha (xhud: *Żwieġ*, Ottubru, 1593; f.35, 24 ta' Diċembru, 1606).
Dun Duminku Ellul, Viċi (parrinu: f.150, 12 ta' Novembru, 1661).

*Nies ta' Ħal Safi:*
Wiġi Spatafora (xhud: *Żwieġ*, 19 t'April, 1597).
Mastru Mikiel Saynula (xhud: *Żwieġ*, 28 ta' Settembru, 1631).

*Qassisin ta' Senglea:*
Dun Kosma Calauera (jew Talauera), Kappillan (parrinu: f.62, 1 ta' Jannar, 1617; f.69, 11 ta' Marzu, 1618).

Dun Franġisku Piscopo (parrinu: f.75, 1 ta' Settembru, 1624).
Dun Mark' Antonju Ciappara, Kappillan (f.113, 1 ta' Jannar, 1640).
Id-Duttur Dun Duminku Attard, Kappillan (f.146, 17 ta' Frar, 1659).
Dun Franġisku Azzopardi, Kappillan (f.148, 23 ta' Mejju, 1660).
Dun Evanġelist Gandolfo (parrinu: f.154, 9 t'Ottubru, 1665).

*Nies ta' Senglea:*
Ġlormu Cambigallo (parrinu: f.81, 24 t'Ottubru, 1627).
Mastru Tumas Buongiorno (parrinu: f.98, 2 t'Ottubru, 1633).
Ġwanni Rayrun, Russu (parrinu: f.111, 9 ta' Jannar, 1639).
Franġiska Gambigallo (parrina: f.124, 26 ta' Ġunju, 1644).

*Qassisin tas-Siġġiewi:*
Dun Ġwann Duminku Farrugia, Kappillan (*Imwiet*, 3 ta' Mejju, 1635).
Dun Alessandru Aquilina (parrinu: f.153, Frar, 1665).

*Qassisin ta' Valletta:*
Fra Pawl Tabone (parrinu: f.58, 25 ta' Lulju, 1615; parrinu: f.78, 15 ta' Jannar, 1626).
Fra Plaċidu Attard, Kappillan ta' San Duminku (f.75, 14 t'Awwissu, 1624).
Fra Bastjan Minard i(parrinu: f.77, 1 ta' Ġunju, 1625).
Dun Stiefnu Cassar, Viċi ta' San Pawl (f.121, 1 ta' Jannar, 1643).
Dun Franġisku Azzopardi, Kappillan ta' San Pawl (f.127, 10 ta' Frar, 1646; f.131, 28 ta' Diċembru, 1647).
Fra Dimitriju Martin Psinga, Pirjol tal-Kunvent ta' San Duminku (parrinu: f.135).
Dun Duminku Levantino, Kappillan ta' San Pawl (f.152, 29 ta' Mejju, 1664).
Dun Pawl Lamagna, Kappillan ta' San Pawl (xhud: *Żwieġ*, Awwissu, 1673).

*Nies ta' Valletta*:
Mastru Ġulju Lombardo (xhud: *Żwieġ*, 19 t'April, 1597).
Petulla Metaxi, (parrina: f.77, 1 ta' Ġunju, 1625).
Antonju Sellato (parrinu: f.87, 3 ta' Ġunju, 1629).
Franġisku Cagniano (parrinu: f.101, 20 ta' Lulju, 1634).
Leonora Metaxi (parrina: f.117, 1641).
Dominku Zelibar, parroċċa ta' San Pawl (f.139, 27 ta' Novembru, 1652).
Il-Markiża Chrispo (parrina: f.156, 4 t'Awwissu, 1666).
Pietru Carrara, bin Marju (parrinu: f.161, Marzu, 1668).
Grazzja Platamone, mart Ġorġ (f.168, 22 ta' Settembru, 1670).

*Qassisin ta' Victoriosa:*
Dun Diegu Corcara (parrinu: f.66, 16 ta' Diċembru, 1619).
Dun Diegu Vella, Kappillan (f.125, 30 ta' Novembru, 1644).
Dun Pietru Axiaq, Kappillan (f.146, Frar, 1659; f.155, 14 ta' Jannar, 1666).

*Nies ta' Victoriosa:*
Vinċenz Caglio (xhud: *Żwieġ*, 28 ta' Settembru, 1631).

*Qassisin taż-Żurrieq:*
Dun Mattew Saliba, Kappillan (parrinu: f.114, 29 ta' Marzu, 1640).

*Nies oħra minn barra r-raħal imsemmija:*
Dun Frannier Surdo (parrinu: f.58, 25 ta' Lulju, 1615).
Fra Rinaldu Dinaini (parrinu: f.59, 6 ta' Diċembru, 1615).
Perulla Iacsì (parrina: f.59, 6 ta' Diċembru, 1615).
Kanonku Dun Xmun Zammit (parrinu: f.63, 8 ta' Novembru, 1617).
Dun Pietru d'Amirò (parrinu: f.63, 16 ta' Diċembru, 1617).
Il-Baruni Angraw Inguanes (parrinu: f.63, 12 t'April, 1618).
Fra Gasparu el Dretti, Kavallier (parrinu: f.66, 12 ta' Jannar, 1620).
Jiamnia Baiarda (parrina: f.66, 12 ta' Jannar, 1620).
Fra Robertu Dotri (parrinu: f.72, 20 t'Awwissu, 1623).
Dun Damjan Pisani (parrinu: f.73, 1 t'Ottubru, 1623; *Imwiet*, 20 t'Ottubru, 1640).
It-tabib Melkjorre Vella "*Auettore della Corte Ecc[lesia]le*" (parrinu: f.74, 4 ta' Jannar, 1624).
Dun Fabrizju Pontremoli, *Cumunero* tal-Knisja ta' Malta (*Imwiet*, 29 t'April, 1624; *Esequtore della quarta* ta' Monsinjur Isqof (l-istess ġurnata).
Il-Kanonku Rotto (parrinu: f.92, 12 d'Ottubru, 1631).
Dun Ġwann Marija Macedonia (parrinu: f.92, 12 d'Ottubru, 1631).
Fra Diegu Nogha, Kavallier (parrinu: f.94, 2 t'April, 1632).
Duminka, ta' razza Mawmettana, miżżewwġa lil Franġisku Seychell (*Żwieġ*, 1 ta' Mejju, 1633).
Is-Sinjur Kommendatur Fra Bastjan Prosp (parrinu: f.105, 1 ta' Jannar, 1637).
Fra Gabrijel, Karmelitan (parrinu: f.113, 11 ta' Diċembru, 1639).
Ippolita Stephani (parrina: f.116, 7 ta' Marzu, 1641).
Fra Ġwann Pici, Kaptan ta' l-Ordni ta' San Ġwann (parrinu: f.117, 5 ta' Jannar, 1642).
Belnomba, Kavallier (parrinu: f.119, 9 ta' Lulju, 1642).
Vinċenz Galanti (parrinu: f.121, 1 ta' Jannar, 1643).
Dun Karlu Corogna (xhud: f.121, 1 ta' Jannar, 1643).

Fra Onoratu Castiglioni, Kavallier (parrinu: f.116, 12 ta' Settembru, 1644).
Luċjanu Tholossensi (f.125, 30 ta' Novembru, 1644).
Ġwanni Battista Guzman, Kavallier, Kommendatur ta' l-Artillerija (parrinu: f.129, 20 ta' Lulju, 1646).
Tumas Sciorpantico la Violetta (parrinu: f.135).
Onoratu Coderch (parrinu: f.148, 23 ta' Mejju, 1660).
Dun Indrì Baliduno (parrinu: f.155, 14 ta' Jannar, 1666).
Klara Clove (f.160, 30 ta' Jannar, 1668).
Ġwanni Marija Phena (xhud: *Żwieġ*, Awwissu, 1673).

* *Dr. Horatio C. R. Vella huwa Senior Lecturer fil-Latin u l-Grieg fl-Università ta' Malta.*

[1] P. Callus, *Hal Safi*, Malta, 1998, 8, isemmi ż-żwieġ ta' Indrì Psaila ma' Ġulja Cassar tal-25 t'Awwissu, 1593. Dan huwa żball, għaliex skond ir-Reġistru li għandna fir-parroċċa, Indrì Psaila, bin Marjanu, minn Ħal Luqa, iżżewweġ lil Ġulja Cassar, bint Pawlu, minn Ħal Kirkop, fit-22 t'Ottubru, 1593. Għalhekk irridu ngħidu li l-ewwel żwieġ li jinvolvi Safjin u li seħħ fil-parroċċa ta' Ħal Kirkop kien dak imsemmi fuq, jiġifieri, ta' Ġulju Cutajar ma' Ġovanella Grech, bint il-mibki Manwel, fl-24 ta' Lulju, 1595.

[2] Din in medja ta' 5.33 magħmudijiet fis-sena taqbel mal-5.2 li J. Micallef, *L-istorja ta' Ħal Safi*, Malta, 1980, 7, jagħtina għas-snin 1584-1591. L-awtur jinnota li l-magħmudijiet kienu ilhom jonqsu f'Ħal Safi mill-1572 peress li l-bini tal-belt il-ġdida kien qed jatratta ħafna ħaddiema mill-irħula. P. Callus, 166, jgħolli l-medja għal 8.5 fis-sena għall-perjodu ta' bejn l-1617 u l-1647, u jniżżilha għal 7 fis-sena għall-perjodu ta' bejn l-1647 u l-1667.

[3] In-numru ta' 8 imwiet mill-pesta f'Ħal Kirkop huwa baxx meta tqabblu ma' 54 mill-Imqabba (N. Buttigieg, *Terra Micabiba fi żmien l-Ordni ta' San Ġwann: aspetti demografiċi*, f' Ch. Farrugia (ed.), *L-Imqabba mal-medda taż-żmien*, Kunsill Lokali, Imqabba u Knisja Parrokkjali, 1998, 55).

[4] A. Bonnici, "Ħal Kirkop: twelid ta' raħal u ta' parroċċa, *Leħen il-parroċċa ta' Ħal Kirkop*, Ott.-Diċ., 1992, iii, żbaljatament jgħid li l-ewwel difna kienet dik tal-5 ta' Jannar, 1596 (erba' snin wara), ta' Mastru Bernardo Hellun, li fil-fatt, skond ir-Reġistru, kien Mastru Bendu Hellun (Ellul).

[5] L-Isqof Pietru Dusina jagħti, għas-sena 1575, qabel il-perjodu tagħna, in-numru ta' 50 familja (*Visitatio apostolica, 1575, ms. Bibljoteka Nazzjonali*, Valletta, 193); l-Isqof Baldassar Cagliares jagħti 55 għas-sena 1618 (*Viżta pastorali - 18 ta' Frar, 1618*, Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana, 9.72 v.). Skond il-viżta pastorali li l-Isqof Luqa Bonus għamel f'Ħal Kirkop, fl-1667, kien hawn fir-raħal 308 ruħ, bi 80 familji. L-isqof jgħid ukoll li l-Koppin la kienu jinsabu f'qatgħa waħda, u l-anqas kienu imxerdin; li kienu jiffrekwentaw is-sagramenti, u li xogħolhom kien fir-raba'; ma kienx hemm quddiesa qabel is-sebħ; u ma' kienx hemm abbużi, ħlief li xi nies kienu jdumu ma jidħlu għall-quddiesa li kienet tkun ġa bdiet, waqt li joqgħodu barra jgħaddu l-ħin: *In n[ume]ro vero domorum et habitationum 80, in d[ict]a Parr[ochia]li nullo adest modo unio, neque incolarum dispersio ... frequentatores sacramentorum ... eorum sunt ruris, et laborum ruralium ac artium ... non celebratur missa aurorae ... nullumque*

*extare abusus nisi aliquando aliqui incolae ante publicat[ion]es festorum extra portas ecc[lesi]ae moram trahunt et dum prosequitur missa ad d[ict]am ecc[lesi]am recedunt ad sacrum audiendum, et abusus praedicti difficile tolli possit.* (*Viżta pastorali - 30 ta' Novembru, 1667*, Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana, 20.390). Min-naħa l-oħra, l-Isqof Mikiel Ġlormu Molina jsemmi każ ta' koppja separata, fejn jgħid li r-raġel mar joqgħod iż-Żurrieq: *Giovanni Maria Hagius vive separatamente da sua moglie Maria et habita al presente nel Cas[ale] Zorico* (*Viżta pastorali - 12 ta' Mejju, 1679*, Kurja ta' l-Arċicqof, Floriana, 22.316).

6 J. Micallef, 15-23, u P. Callus, 166, jagħtu indikazzjoni tal-popolazzjoni f'dan il-perjodu b'figuri li ma jeċidux 250 ruħ, u tal-familji li kienu madwar 50 (ara, imma, P. Dusina, *V. a. - 1575*, 190). Dusina, *ibid.*, 186, jgħid ukoll li fl-1575 kien hemm fl-Imqabba 30 familja. N. Buttigieg, *Terra Micabiba*, 54, jindika li fl-1687 l-Imqabba kellha 490 ruħ.

7 Għandna l-kelma ta' G.F. Abela, *Della descrittione di Maltâ*, Malta, P. Bonacota, 1647, 379, li l-knisja ta' San Leonardu dejjem kienet il-prinċipali. Għandna wkoll il-kelma ta' l-Isqof Dusina li tgħid l-istess ħaġa, imma qabel, fl-1575: *Item visitavit etiam aliam Eccl[esi]am sub vocabulo S[anc]ti Leonardi construct[am] in eodem Cas[ale] Percopi, et est principalis Eccl[esi]a d[ict]i Cas[alis] (V. p. - 1575*, 193); għandna l-kelma ta' l-Isqof Tumas Gargallo, li propju kien involut fid-diviżjoni li seħħet fi żmienu fil-parroċċa ta' Birmiftuħ, li permezz tagħha twaqqfet parroċċa ġdida f'Ħal Kirkop taħt it-titlu ta' San Leonardu. Dan jirrakkontah sentejn u nofs wara, meta kien qed jagħmel il-viżta pastorali tiegħu: *Visitationem ... ecclesiam S[anc]ti Lunardi constructam in casal P[er]cop ... Item rector Don Carolus Taliana ... morte del q[uon]d[a]m Bartholomaeo Mangion olim rectore Monsignor R[everendissi]mo Thommaso Gargallo divise la parrocchia ... in erecta in eclesia parrochiali casali eodem d[ict]i Lunardi in casali P[er]cop Micabibe et Safi* (*Viżta pastorali - 23 t'Awwissu, 1594*, Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana, 144v.). Minkejja dan, kull meta d-diskussjoni taqa' fuq it-twaqqif, fid-29 ta' Mejju, 1592, tal-Parroċċa ta' Ħal Kirkop, li kienet tinkorpora wkoll l-inħawi ta' Ħal Safi u l-Imqabba, diversi awturi moderni jirrepetu l-istess ħaġa, li l-Isqof Gargallo għażel il-knisja ta' San Ġakbu l-Kbir, li kienet teżisti barra l-qalba ta' Ħal Kirkop, bħala l-knisja parrokkjali (J. Micallef, 9; A. Bonnici, *San Leonardu*, f' M.J. Schiavone (ed.), *Il-knejjes parrokkjali ta' Malta u l-festi tagħhom*, Pubblikazzjonijiet Indipendenza, Pietà, Malta, 1993, 2.13; C. Busuttil, *L-arkitettura tal-knisja parrokkjali ta' l-Imqabba*, f' Ch. Farrugia (ed.), *L-Imqabba*, 61; S. Fiorini, fuq, n.66). Dawn l-awturi jikkwotaw kuntratt li sar fis-16 ta' Settembru, 1595, iktar minn tlett snin mit-twaqqif ta' l-imsemmija parroċċa, mir-Reverendu Nutar Ġwanni Debono (ara S. Fiorini, fuq, n.66); iżda eżatt wara, jikkwotaw lill-Abela, li din il-knisja ta' San Ġakbu l-anqas biss ma jsemmiha. Din li ġejja hija t-traduzzjoni tiegħi tal-parti li tikkonċerna lilna:

"Meta, fi żmien ieħor, bi ħsieb għall-futur lejn il-knisja parrokkjali Ħal Birmiftuħ li, dak iż-żmien kienet vakanti minħabba l-mewt tal-mibki Reverendu Sinjur Dun Bartilmew Mangion, l-aħħar rettur jew kurat ta' l-istess knisja parrokkjali, il-Wisq Illustri u Reverendissimu Sinjur Fratre Dun Tumas Gargallo, għall-grazzja t'Alla u tas-Sede Apostolika isqof ta' Malta u kunsillier tar-re u kommendatarju ta' Barbens, fired mill-ġa msemmija knisja parrokkjali l-bliet jew irħula msemmijin isfel, jiġifieri, Ħal Safi, Ħal Kirkop u l-Imqabba u twaqqfet il-knisja ta' San Ġakbu li tinsab fl-imsemmi Ħal Kirkop bħala knisja parrokkjali ta' l-imsemmija bliet (jew) irħula Safi u Mqabba, u waqt li, wara dak iż-żmien, xi wħud kienu qed jittrattaw fuq (xi) affarijiet u denjament iqanqluh, l-imsemmija rħula Safi, Kirkop u l-Imqabba ġew magħquda permezz tal-ġa msemmi Reverendissimu Sinjur ma' l-imsemmija knisja parrokkjali ta' Ħal Birmiftuħ kif dawn (l-affarijiet) u oħrajn jidhru fl-atti tal-Kurja

Episkopali tad-Djoċesi ta' Malta bid-data ta' …".

Inżommu quddiem għajnejna li l-knisja ta' San Leonardu dejjem kienet, kif jgħidu Dusina u Abela (fuq), l-ikbar knisja fir-raħal ta' Ħal Kirkop, anke dak iż-żmien bikri, u dejjem kienet il-knisja prinċipali tar-raħal taħt l-invokazzjoni ta' San Leonardu. L-Isqof Gargallo qatt ma waqqaf il-knisja ta' San Ġakbu bħala l-parroċċa ġdida miftuma minn Birmiftuħ, imma San Leonardu fil-qalba tar-raħal, kif is-sens komun jitlobna naħsbu. L-ebda isqof ma kien ser jippreferi kappella f'għalqa bħala knisja parrokkjali ta' tlett irħula minn knisja mdaqqsa fil-qalba tar-raħal. Barra minn hekk, l-ebda isqof, fil-viżta pastorali tiegħu, ma kien jibda l-viżta bil-knisja ta' San Ġakbu; kollha, barra Dusina li beda bil-knisja ta' l-Assunzjoni, kienu jibdew bil-knisja ta' San Leonardu, kif kien xieraq, inkluż l-Isqof Gargallo (ara kwotazzjoni ftit il-fuq minn V.*p.* - *1594*, 144v.).

Id-dokument li minnu ħadna dan l-estratt li għadna kemm qlibna għall-Malti jitratta fuq il-proċess tat-twaqqif ta' parroċċa ġdida, dik ta' l-Imqabba. Bħala *background* tad-deċiżjoni li l-Isqof Gargallo ħa favur it-talba ta' l-Imqabbin, in-nutar Dun Ġwann Debono ġabar, kif seta', l-informazzjoni f'forma ta' daħla. Fiha jgħid żewġ affarijiet li jistonaw: it-twaqqif tal-knisja ta' San Ġakbu bħala l-knisja parrokkjali, u li dawn it-tlett irħula, Ħal Kirkop, Ħal Safi u l-Imqabba, reġgħu ngħaqqdu ma' Birmiftuħ. Fuq l-ewwel punt għadna kemm tkellimna.

Fuq it-tieni punt naraw li li kieku veru li dawn it-tlett irħula reġgħu ngħaqqdu ma' Birmiftuħ, allura kien irid jonqos li bħalma Ħal Safi u l-Imqabba ġew dikkjarati parroċċi ftit wara li deher dan id-dokument, hekk ukoll Ħal Kirkop kellu jerġa' jinqata' minn Birmiftuħ u jiġi ddikjarat parroċċa. Il-verità hi li Ħal Kirkop qatt ma sab ruħu unit mill-ġdid ma' Birmiftuħ, minkejja li l-Kappillan Taliana kien ikun preżenti anke hemm, u l-anqas iż-żewġ irħula l-oħra li dejjem baqgħu taħt Dun Karlu Taliana, kappillan ta' Ħal Kirkop, sakemm saru parroċċi. Kieku mhux hekk, il-magħmudijiet, żweġijiet u mwiet kienu jitniżżlu fir-Reġistru ta' Birmiftuħ, u mhux ta' Ħal Kirkop.

Għalhekk nikkonkludi li l-kumment tan-Nutar Debono, ikkwotat minn dawn l-awturi moderni, kien kumment bla bażi u bla sens u ma jistax jitħalla jbiddel l-istorja kif fehemha Giovanni Francesco Abela.

Din il-kappella ta' **San Ġakbu** kienet teżisti żgur sa l-1634, meta il-Kanonku Pietru Franġisku Pontremoli, Vigarju ta' Malta *sede vacante*, ġie mitlub min-nies li kienu jieħdu ħsiebha sabiex jipprofanha, minħabba l-biża' li, hekk kif kienet fid-diżabitat, setgħet tintuża għall-iskandli, bħas-serq (*Viżta pastorali - 21 t'Awwissu, 1634*, Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana, 12.61v.: *Comparuerunt Bartholomaeus Mangion, Andreas Mangion, Jacob Ellul, Gabriel Ellul, Petrus Cassar, Dominicus Tonna, Ioannes Maria Vella, et humillime supplicaverunt D[ominis] visitatoribus, ut eisdem comp[arenti]bus dignarentur chiedere, ut dicta eccl[es]ia S[an]cti Jacobi funditus demoliatur, … tam … quam ob locum valde devium, in quo est posita d[ict]a ecclesia S[an]cti Jacobi, in qua plurima scandala committi possunt*). Anke sa l-1636 kienet għadha teżisti, peress li l-Isqof Balaguer jirreferi għaliha (*Viżta pastorali - 17 ta' Novembru, 1636*, Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana, 13.114), kif ukoll sa l-1646 (M.J. Balaguer, *Viżta pastorali - 7 ta' Frar, 1646*, Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana, 15.148, li jsemmi li xi affarijiet minnha kien iżommhom fid-dar tiegħu Dun Franġisk Mangion, bin Bartilmew, minħabba l-biża' mill-ħallelin: *conservantur penes Don Franciscum Mangion ob metum latronum*).

Din il-kappella kienet tinsab fl-inħawi kif sejjer niddeskrivi: fuq il-Punent ta' Ħal Kirkop (ara B. Cagliares, *Viżta pastorali - 10 ta' Dicembru, 1615*, Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana, 8.228v.: *extra casale Percop versus occidentes extat ecclesia Sancti Jacobi maioris*) tgħaddi triq li minn Ħal Safi u Ħal Kirkop twassal għat-triq prinċipali li mill-Belt tagħti għaż-Żurrieq.

(ara Figura 2, J. Schembri-K. Bonnici, p. 160, li fiha huma ndikati kemm iċ-ċimiterju ta' San Ġakbu u kemm iċ-ċimiterju l-antik ta' San Nikola). Fuq ix-xellug ta' din it-triq, li qabel kien jisimha għal "San Ġużepp", jekk mhux ukoll għal "San Ġakbu" fi żmien ieħor, hemm arkata (ara ritratti, pp. 133-134) xejn ikkurata, li ħafna mir-raħal isibuha bħala "ċ-Ċimiterju tal-Pesta". Din l-arkata nnifisha kienet arkata propju għaliex minn taħtha wieħed kien jgħaddi bil-pass tul passaġġ ta' ftit metri (ara ritratt, p. 135), wiesa' bejn ħames u sitt piedi, li llum għadu jeżisti, sakemm tiġi f'ġo fetħa kwadrata (għalqa abbandunata). Fl-ewwel parti kien hemm ċimiterju twil ħafna (*per longum*) ("ħafna" għal dik l-epoka), oriġinarjament mhux tal-pesta, u fil-parti tax-xellug fuq ġewwa kien hemm il-kappella ta' San Ġakbu, li bħal xi kappelli oħra, ukoll kienet isservi bħala post għad-dfin (ara isfel, fl-istess nota). Din il-kappella kellha l-bieb tagħha jħares lejn il-Punent u jiftaħ fuq l-istess ċimiterju, almenu parti minnu, li l-biċċa l-kbira tiegħu kien fuq il-ġenb tal-lemin tiegħu: *quae habet cemeterium per longum ante eius ianuam respicientem occasum versus ...* (Balaguer, *V.p. - 1646*, 148) (ara Figura I, p. 132).

Hekk baqgħet teżisti din il-kappella, sa almenu l-1658 meta għamlilha żjara l-Isqof Balaguer (*Viżta pastorali - 25 ta' Novembru, 1658*, Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana, 17.105v.). Wara din id-data, skond il-viżta pastorali tal-Kanonku Duminku Attard, Vigarju (*sede vacante*) ta' l-1666, insibu li kemm l-artal ta' San Ġakbu u kemm ix-xbiha ta' San Bartilmew, li kienu jeżistu qabel fil-kappella ta' San Ġakbu, issa kienu jinsabu fil-knisja parrokkjali ta' San Leonardu, naturalment, wara li dik il-kappella kienet ġiet imwaqqa': *ad altare Divi Jacobi, in ? ea est effigies Divi Bartholomei comparetur ara* (*Viżta pastorali - 20 ta' Ġunju, 1666*, Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana, 19.217).

Illum, għajr xi ġebla skulturata (ara ritratti, pp. 135-6), ma hemm xejn, ħlief siġra kbira tal-ħarrub. Iżda l-qisien kwadrati, u l-passaġġ għadhom hemm, fl-għalqa tal-familja Ellul magħrufin bħala "ta' Ġan Pawl" li mhux biss daħluni hemm, imma wkoll tennuli dak li n-nanniet tagħhom kienu jgħidulhom dwar fejn kien iċ-ċimiterju u fejn eżatt kienet il-kappella. Meta din il-kappella ġiet imwaqqa', il-ġebel ġie traspurtat sal-qalba tar-raħal, eżatt ħdejn il-knisja parrokkjali ta' San Leonardu, sabiex bih titkabbar l-istess knisja parrokkjali, li kienet saret żgħira: hekk kien ġie ssuġġerit li jsir lill-Kanonku Pontremoli: *ac eius cappella [Sancti Jacobi] transferatur et ecfabricatur secus ecclesiam parrochialem, tam ob angustiam d[ict]ae par[oeciae], tam ...* (Pontremoli, *V.p. - 1634*, 61v.); iżda l-lokal baqa' jintuża bħala ċimiterju: *cuius loco fiat cemeterium cum cruce desuper ad denotandum locum sacrum* (*ibid.*).

Imbagħad, meta faqqgħet il-pesta fl-1676, il-ftit mejtin li mietu (ara *Osservazzjonijiet* fuq l-Imwiet, fuq) kienu jidfnuhom fiċ-"Ċimiterju ta' San Ġakbu". Minn dak iż-żmien 'l hawn, għal iktar minn tlett mitt sena, il-lokal baqa' jiġi riferut bħala "ċ-Ċimiterju tal-Pesta". Kien biss bis-saħħa ta' dan l-ewwel Reġistru u bil-konferma tal-familja Ellul reżidenti hemm li issa nafu eżatt fejn kienet din il-kappella u ċimiterju ta' San Ġakbu.

L-użu ta' din il-kappella, meta kienet għadha wieqfa, għall-quddies milħuq minn nies ta' bejn l-għelieqi ta' bejn Ħal Safi, Ħal Kirkop u l-Imqabba, wieħed jista' jifhimha, u fil-fatt għandna l-kelma ta' Dusina li, sa mill-1575, xi nies minn Ħal Safi kienu jisimgħu quddiesa f'Ħal Kirkop: *et homines di Cas[ale Safi] solent audire missam in cas[ale] Percopi* (190), jekk mhux biss fil-festi: *pro missa audienda in diebus festivis* (316); Dusina (*ibid.*) jgħid ukoll li din il-kappella kienet tmiss ma' l-inħawi ta' Ħal Safi: *in pertinentiis Cas[alis] Safi*, waqt li iktar 'l isfel jgħid li kienet bejn Ħal Kirkop u Ħal Safi: *in medio Cas[alis] Safi et Cas[alis] Percopi;* Cagliares u l-bqija jgħidu l-kuntrarju, li kienet tagħmel ma' Ħal Kirkop: *Postremo visitaverunt ecc[lesi]am positam extra d[ict]am Casale de pertinentiis eiusdem*

*Parrochiae sub invocatione S[anc]ti Jacobi Apostoli* (*Viżta pastorali - 8 ta' Ġunju, 1621*, Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana, **11**.73v.); hu x'hinu, il-viżta tiegħu lil din il-kappella Dusina inkludiha ma' dik ta' Ħal Kirkop, u mhux ma' dik ta' Ħal Safi; imma kemm Ħal Kirkop, kemm Ħal Safi u l-Imqabba, fil-qalba ta' l-irħula tagħhom, kellhom iktar minn kappella waħda fejn setgħu jisimgħu quddiesa bil-kumdità akbar.

Il-knejjes l-oħra f'Ħal Kirkop, barra dik prinċipali u dik ta' San Ġakbu, kienu dawn: L-Assunzjoni, il-Lunzjata, Santa Anastasja u San Nikola, li kellha tmiss magħha l-kappella ta' San Ġwann Battista (u mhux San Ġwann; ara Balaguer, ikkwotat f'għeluq il-paragrafu li jmiss).

Din il-kappella ta' **San Ġwann Battista** ma semmewhiex Dusina (ara Fiorini, fuq, 37) u Gargallo (*V.p. 1594*, 144v.-146) propju għax kienet tagħmel parti minn kumpless wieħed, dak ta' San Nikola. Fil-fatt, l-Isqof Cagliares, fil-viżta pastorali tiegħu ta' l-1630, jgħid li din il-kappella, li kienet tmiss ma dik ta' San Nikola, kienet ġa pprofanata peress li kienet qed taqa': *Item visitaverunt ecclesiam extra Casale parvam sub invocatione S[anc]ti Nicholai habentem aliud corpus ecclesiae ali proximum et contiguum in quo fuit altare sub invocatione S[anc]ti Ioannis, nunc profanatam, eo quod minetur ruinam* (*Viżta pastorali - 9 ta' Jannar, 1630*, Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana, **11**.58). Iżda ftit wara, fl-1636, l-Isqof Balaguer jirraporta li kienet qed terġa' tinbena: *quae eccl[es]ia est sub invocatione S[an]cti Ioannis Baptistae ad p[raese]ns diruta, quae de novo reaedificatur incolarum devotione in amplio'em formam* (*V.p. - 1636*, 114v.).

Il-kappella ta' **San Nikola Isqof**: *Sancti Nicolai Episcopi* (M.J. Balaguer, *Viżta pastorali - 21 ta' Mejju, 1663*, Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana, **18**.351), kienet barra l-qalba tar-raħal, fit-triq li tagħti lejn Birmiftuħ (Dusina, 318: *in via qua iter ad Capellam Birmiftuh in territorio Percopi*), mhux eżatt fuq ix-xaqliba tal-Punent (Cagliares, *V.p. - 1615*, 229: *in ecc[lesi]a Sancti Nicolai extra d[ictu]m Casale versus occidentes*), imma fuq ix-xaqliba ta' bejn il-Grigal u l-Ilvant: *in eccl[es]ia S[an]cti Nicolai erecta extra dictum casale orientem seu aquilonem versus* (Balaguer, *V.p. - 1636*, 114v.). L-istess Isqof Balaguer ordna, fl-1654, li din il-kappella tiġi profanata u tiġi mibnija mill-ġdid, waqt li fil-frattemp il-piżijiet jgħaddu għall-knisja parrokkjali ta' San Leonardu: *ideo D[omini] mandaverunt profanari, donec nova ecclesia ... diu erepta perficiatur et onera in par[rochia]li adimpleri* (*V.p. - 1654*, 242v.). Fil-fatt, fil-viżta tiegħu ta' l-1658, l-Isqof Balaguer ma jsemmihiex iktar (*V.p. - 1658*, 104-105v.), sakemm jgħid fil-viżta tiegħu ta' wara, dik ta'l-1663, li reġgħet inbniet mill-ġdid: *positam prope d[ict]um Casale Chircop a fundamentis refabricatum, quae fuit prophanata in penultima visitat[io]ne ob eius indecentiam* (*V.p. - 1663*, 351), waqt li jordna li ċ-ċimiterju li jmiss magħha kellu jiġi integrat mill-ġdid mal-kappella permezz ta' ċint madwaru: *decreverunt pro inde ecclesiam p[raedi]ctam dictumque caemeterium pristino statui restituendum, ac in pristino statu, in quo erat ante prophanationem restituendum ac reintegrandum decreverunt, pro ut ipsam ecclesiam d[ictu]mque caemeterium restituerunt, ac reintegraverunt, mandantes caemeterium p[raedi]ctam congruo muro circumdari* (*ibid.*), u li bieb ta' l-injam kellu jitwaħħal mal-kappella, iħares lejn Nofsinhar: *et providere de Ianua lignea quae respicit meridiem versus* (*ibid.*).

Din il-kappella mibnija mill-ġdid baqgħet teżisti almenu żgur sa l-1673, meta għamlilha viżta l-Isqof Lawrenz d'Astiria (*Viżta pastorali - 11 ta' Lulju, 1673*, Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana, **21**.309). Il-lokal li fiha kienet tinsab probabilment kien kif sejjer niddeskrivi:

It-triq li semma l-Isqof Dusina fl-1575 għada teżisti fil-parti ta' Ħal Kirkop, lil hawn mit-

*tunnel* tar-*runway*. Tibda minn Valletta Road, eżatt wara l-bini l-ġdid, lejn il-*Garage* tal-Gvern, li fil-fatt qered parti minnu, kienet tgħaddi minn ġo nofs Triq l-Industrija, imbagħad terġa' tibda tidher maġemb l-*carpark* ta' l-istess *Garage* tal-Gvern u tispiċċa fejn jgħaddi t-tunnel (ara ritratt, p. 137). Hija wiesgħa bejn ħames u sitt piedi u, fil-parti ta' viċin it-tunnel, tinsab fi stat ta' abbandun. 'L hemm u 'l hawn fuq iċ-ċnut, wieħed jista' jilmaħ biċċiet ta ġebel antik li darba kienu użati għaċ-ċaċċis ta' xi bieb (ara ritratt, p. 137). Fit-tarf ta' l-istess għalqa wieħed għandu jilmaħ ġebel ieħor kbir ta' għamla neolitika (ara ritratt, p. 138).

Fuq il-lemin ta' din it-triq, fil-parti ta' ħdejn it-tunnel, int u tħares lejn Birmiftuħ, hemm għalqa li tiġi bejn din it-triq l-antika u l-imsemmi *carpark*. Din l-għalqa hi eżattament barra l-qalba tar-raħal, u fil-Grigal ta' l-istess raħal. Hemmhekk, fil-kantuniera ta' bejn it-triq moderna li tieħu għal ġot-*tunnel* u Triq l-Industrija, eżatt maġenb *reservoir* żgħir u ħdejn l-imsemmi *carpark*, hemm gorboġ li l-ġebel tiegħu kollu hu antik u maħdum, inkluż oħrajn li għadhom bit-tajn antik imwaħħal miegħu (ara ritratt, p. 138). Jidher li xi darba dan il-ġebel kien bini li kkollassja, u bl-arja miftuħa ħdejh u l-imsemmija triq antika, jgħaqqdu deskrizzjoni idejali tal-kappella biċ-ċimiterju magħha u t-triq (ara Figura II, p. 136). Lokal fil-viċin tiegħu għadu magħruf sallum bħala "ta' San Nikola" (ara Schembri-Bonnici, Figuri 1 u 2), u kien minħabba dan l-isem antik li reċentement kemm iċ-ċimiterju l-ġdid, li hu differenti minn dak indikat f'Figura 2, u kemm it-triq li tagħti għalih iġibu l-istess isem.

Il-kappella ta' **Santa Anastasja** ma kienetx fil-qalba tar-raħal kif intqal (A. Bonnici, "Ħal Kirkop", vi), iżda barra mir-raħal fil-kampanja: *sup[ra] quo adest Icona referens imaginem S[anc]tae Anastasiae martyris translata ex Ecclesia rurali modo profanata* (d'Astiria, *V. p. - 1673*, 308); *habet tantum Iconam in tabulis depictam quae erat alterius ecclesiae profanatae de pertinentiis d[ict]i Cas[alis]* (Molina, *V. p. - 1679*, 311), u kienet tħares lejn l-Ilvant: *ianuam habet respicientem versus orientem* (Balaguer, *V. p. - 1636*, 113v.), jew il-Punent: *porta respicit occidentem versus* (Balaguer, *V.p. - 1646*, 149). Minn dan l-aħħar punt, li l-istess isqof minn viżta għall-oħra jbiddel l-Ilvant għall-Punent, wieħed jinnota kemm setgħu saru żbalji fid-dettal minn dawk li kienu jaħdmu ma' l-isqof fil-kitba tal-viżta. L-istess Isqof Balaguer, fl-1658, u l-amministraturi tiegħu ordnaw lil din il-kappella biex tiġi profanata minħabba n-nuqqasijiet li kellha: *quam D[omi]ni ob carentiam redditum, et omnium necessariorum prophanaverunt* (Balaguer, *V. p. - 1658*, 105). Fil-fatt, skond il-viżta pastorali ta' Attard, insibu li l-artal ta' Sant'Anastasja kien ġa jinsab fil-knisja parrokkjali fl-1666 (*V.p. - 1666*, 217) (ara wkoll S. Fiorini, fuq, pp. 31-37).

Ebda waħda minn dawn il-kappelli, li 'l quddiem għandna l-ħsieb niddeskrivu fid-dettal, m'għadhom jeżistu, inkluż dik tal-**Lunzjata** li reġgħet inbiet sa l-1636 (M.J. Balaguer, *V.p. - 1636*, 113-113v.), u l-1654: *Haec Eccl[esi]a fuit denuo constructa devot[ion]e et eleemosynis populi et ad ... finita* (*id.*, *Viżta pastorali - 13 ta' Jannar, 1654*, Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana, **16**.242); u l-1658: *Deinde visitaverunt eccl[es]iam in d[ict]o Casali p[rae]terito a fundamentis reedificatam eleemosynis incolarum casalis Corcop in honorem Annuntiae Virginis* (*id.*, *V. p. - 1658*, 105) (ara ritratti, pp. 139-40). Il-kappella oriġinali kienet għandha teżisti sa l-1618, meta l-Isqof Cagliares żarha u talab li tiġi pprofanata: *propterea d[icta]m ecclesiam prophanari, et ?unam transferri in ecc[lesi]a parrocchiali* (*Viżta pastorali - 18 ta' Frar, 1618*, Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana, **9**.74). Quddiemha, jiġifieri fil-Punent tagħha, u allura taċ-ċimiterju quddiem il-bieb prinċipali tagħha, kien hemm ġnien: *habet hortum versus occidentem* (B. Cagliares, *V. p. - 1621*, 72v.) (ara fuq il-Lunzjata iktar 'l isfel, fl-istess nota.)

Il-kappella tal-**Assunzjoni**, imsejħa "*ta' Pinu* (M.J. Balaguer, *V.p. - 1654*, 242v.) u li kienet tinsab f'ġo sqaq: *constructam in quondam angiportuo* (*id.*, *V.p. - 1658*, 105v.), kienet għadha

teżisti fl-1615, meta żarha l-Isqof Cagliares u qal li kienet tmiss ma' xi djar li d-dħul mill-kirja tagħhom kellu jgħin fiż-żamma ta' l-istess kappella: *habet obligandam quendam locum domorum secus d[ict]am Ecc[esi]am positorum* ... (*V.p. - 1615*, 227v.), kif ukoll sa l-1618 (*id.*, *V.p. - 1618*, 74), l-1621 (*id.*, *V. p. - 1621*, 73), l-1630 (*id.*, *V.p. - 1630*, **11**.58), u l-1646 (M.J. Balaguer, *V.p. - 1646*, 148v.). Dan allura jikkonferma li jekk il-knisja li bena l-Kappillan Taliana kienet ġa lesta (Dun Karlu Taliana spiċċa minn Kappillan fl-1630; ara nota xiii, isfel), ma setax kien li din il-knisja ġdida ħadet post żewġ knejjes li "kienu jmissu ma' xulxin", dik ta' San Leonardu u dik ta' l-Assunzjoni, kif intqal (A. Bonnici, *San Leonardu*, 14; imma ara *ibid.*, 15, iktar 'l isfel fl-istess nota). Fil-fatt, kien fl-1658 li Balaguer u l-amministraturi tiegħu ordnaw li din il-kappella ta' l-Assunzjoni tiġi profanata minħabba n-nuqqasijiet tagħha: *carentem omnibus necessariis quam D[omi]ni prophanaverunt* (*V.p. - 1658*, 105v.), u mhux fl-1638, kif intqal (A. Bonnici, *San Leonardu*, 15). Ċert li sa l-1679 ma kenietx teżisti peress li fil-knisja ta' San Leonardu, almenu minn din is-sena, kien hemm żewġ artali ddedikati lil Santa Marija Assunta: wieħed kien hemm mill-bidu, u l-ieħor, imsejjaħ "Ta' Pinu" (ara fuq) trasferit mill-knisja profanata ta' l-istess isem: *in d[ict]o Cas[ali] prope ecclesiam profanatam sub eodem ti[tu]lo Assump[tio]nis B[eatae] M[ariae] V[irginis]* (Molina, *V.p. - 1679*, 311v.); *quod olim fuit in eccl[esia] eiusdem tituli* (*ibid.*, 315v.). Hija ironija kif illum, fil-knisja tagħna, m'għadu jinsab ebda artal jew mafkar iddedikat lil Santa Marija, peress li l-aħħar wieħed ittieħed min-niċċa ta' San Leonardu.

L-isqaq imsemmi fuq u li fih kienet tinsab il-kappella ta' l-Assunzjoni u d-djar imissu magħha, fil-qalba tar-raħal, kien jew dak ta' San Ġwann, jew probabilment dak ta' Sant' Andrija, fil-parti li tidher mill-misraħ (ara ritratt, p. 141). Min-naħa l-oħra nsibu li, fl-1636, il-knisja parrokkjali ta' **San Leonardu** kienet deskritta bħala tmiss ma' territorju ta' razzett: *Ecclesia p[rae]dicta est competentis magnitudinis iuxta districtum villae* (Balaguer, *V. p. - 1636*, 112v.).

Il-qerda sfortunata (profanazzjoni) ta' dawn il-kappelli kienet tkun ordnata mill-isqof wara l-viżta pastorali tiegħu, sabiex ma tkunx tista' tiġi użata ħażin, u xi drabi, l-għajbin tal-kappella kien ikun akkumpanjat bit-twaqqif ta' salib tal-ġebel: *prophanari, erecta ibi Cruce, et dummodo ad sordidas usus non convertat* (Dusina, 166), kif ukoll bil-ġarr ta' affarijiet bħal altari, inkwadri u dħul minn beni, lejn il-knisja parrokkjali (Cagliares, *V.p. - 1618*, 74 [ara kwotazzjoni fuq]; Pontremoli, *V.p. - 1634*, 61v.: *ac onera adimplenda in par[rochia]li ecclesia S[an]cti Leonardi*; Balaguer, *V.p. - 1658*, 105v.: *transferri ad ecclesiam par[rochia]lem*); d'Astiria, *V. p. - 1673*, 308: *supra quo adest Icona referens imagines S[anctorum] Jacobi et Bartholomei translata ab ecclesia hunc profanata sub tit[ul]o S[anc]ti Jacobi.*

Jidher, għalhekk, li s-salib li għandna fil-pjazza (ara ritratt, p. 141) ma kienx ġie mwaqqaf għal dan l-iskop, peress li l-**Lunzjata** reġgħet inbniet immedjatament wara li twaqqgħet, imma minħabba l-preżenza ta' ċimiterju fil-miftuħ (Cagliares, *V.p. - 1621*, 72v.: *habet cemeterium ante decenti muro fabricatum*; *id.*, *V. p. - 1630*, 57v.: *habet etiam cemeterium*; Pontremoli, *V. p. - 1634*, **12**.60v.: *ante quam est cemeterium muris circumdatum, prope quod est crux lapidea*; Balaguer, *V.p. - 1636*, 113v.: *ante quam est cemeterium muro clausum, et prope illud in spatio p[u]b[li]co adest crux lapidea supra parvam columnam lapideam posita, ad quam ascenditur per tres gradus lapideos* [fil-fatt, tarġa minnhom hija mgħottija bit-tarmak]; *id.*, *V.p. - 1646*: *cuius ianua respicit occidentem versus cum cemeterio muris septae*), dak ta' quddiem il-bieb prinċipali tal-kappella. Wieħed jikkonkludi, mela, li salib

tal-ġebel kien darba jeżisti wkoll ħdejn iċ-ċimiterju miftuħ ta' ħdejn il-kappella ta' San Nikola: *et viso Caemeterio amplo ante d[ict]am Ecclesiam* (Balaguer, *V.p. - 1663*, 351); nafu li Pontremoli ordna li wieħed jinbena ħdejn dik ta' San Ġakbu biex juri li l-post kien (u sippost għadu) sagru: *ad denotandum locum sacrum* (*V.p. - 1634*, 61v.).

Mhux kull kappella kellha ċimiterju miftuħ ħdejha, waqt li l-biċċa l-kbira tagħhom kienu jservu wkoll ta' post ta' dfin fuq ġewwa: San Leonardu: *pavimentum est inter saeptum pluribus sepolturis* (Cagliares, *V.p. - 1615*, 227v.); Lunzjata: *pavimentum autem est inter saeptum pluribus sepolturis* (*ibid.*, 228); San Nikola: *Icona referens imaginem S[anc]ti Nicolai ecc[les]ia vero ipsa caret omnibus necessariis et in ea adest sepultum* (d'Astiria, *V.p. - 1673*, 309).

[99] Fil-fatt, il-parroċċa ta' Ħal Kirkop bdiet tiffunzjona indipendentement minn Birmiftuħ sa mill-bidu ta' dik is-sena. Biss biss, mill-1 ta' Jannar sa dik id-data tad-29 ta' Mejju saru 7 magħmudijiet, 5 minn Ħal Kirkop, 1 mill-Imqabba u 1 minn Ħal Safi, u 2 difniet, 1 minn Ħal Kirkop u 1 mill-Imqabba, fl-ordni li ġejja:

| | | | |
|---|---|---|---|
| magħmudija | 10 ta' Jannar, 1592 | Vinċenza Busuttil | minn Ħal Kirkop |
| | 26 ta' Jannar, 1592 | Pawlina Ellul | minn Ħal Kirkop |
| | 8 ta' Marzu, 1592 | Lukrezja Cassar | minn Ħal Kirkop |
| | 15 ta' April, 1592 | Anġelika Ellul | minn Ħal Kirkop |
| | 12 ta' Mejju, 1592 | Brankati Zahra | minn Ħal Kirkop |
| | 22 ta' Mejju, 1592 | Marju Scicluna | mill-Imqabba |
| | 25 ta' Mejju, 1592 | Vittorja Sciriha | minn Ħal Safi |
| dfin | 24 ta' Jannar, 1592 | Antonella Cuschieri | minn Ħal Kirkop |
| | 15 ta' Frar, 1592 | ??, mart Kajxuni | mill-Imqabba. |

Hija ineżattezza li tgħid li Ħal Kirkop (waħdu) inqata' "għal rasu" minn Birmiftuħ fl-1592 (A. Bonnici, *Lejn l-erezzjoni tal-parroċċa fl-Imqabba fis-sena 1598*, f' Ch. Farrugia (ed.), *L-Imqabba*, 30, 32) u li kien hemm il-ħsieb li Ħal Safi u l-Imqabba jinqatgħu wara, jew li l-Imqabba nqata' "minn Birmiftuħ u Ħal Kirkop" fl-1598 (*ibid.*, 32). Fl-1592 twawwfet parroċċa ġdida, dik ta' Ħal Kirkop (barra dik ta' Ħal Tarxien), li l-amministrazzjoni tagħha kienet tilħaq lill-Imqabba u lil Ħal Safi. Wara dik id-data, skond ir-Reġistru li fuqu sar dan l-istudju, l-Imqabba, fl-1596, u Ħal Safi, fl-1597, inqatgħu mhux minn Birmiftuħ, imma minn Ħal Kirkop (ara n. vii, fuq, fil-bidu).

Mhux eżatt ukoll tgħid li la darba f'dan ir-Reġistru, bejn l-1592 u l-1597, kien indikat liema parruċċani kienu minn Ħal Safi u liema kienu mill-Imqabba, allura kien muri tajjeb li dawn il-lokalitajiet ma kellhomx idumu ma jinqatgħu f'parroċċi għal rashom (A. Bonnici, *Lejn l-erezzjoni*, 32). Bl-istess analoġija wieħed jista' jikkonkludi ħażin li peress li fir-Reġistru li hemm il-Gudja, dak li qabel kien ta' Birmiftuħ, kull darba li qabel l-1592 kien indikat il-lokal ta' l-oriġini ta' dawk li kienu ser jiżżewwġu jew jiġu mgħammdin, bħal Ħal Tarxien, Ħal Luqa, Ħal Kirkop, Ħal Safi u l-Imqabba, kien ifisser li dawn il-lokalitajiet ma kellhomx idumu ma jinqatgħu għal rashom! Kemm fil-każ ta' Birmiftuħ u kemm fil-każ ta' Ħal Kirkop, il-kappellan rispettiv ġentilment infurmana mhux biss bil-parroċċa waħdanija tiegħu, imma wkoll bil-lokalitajiet diversi li kienu jaqgħu taħtha, u ta' dan aħna rikonoxxenti!

Il-Kappillan Taliana la qatt kellu "istruzzjoni" li jagħmel dawn l-indikazzjonijiet ta' l-oriġini

("Hal Kirkop", iii; *Lejn l-erezzjoni*, 31, 32), la nghatatlu ordni sabiex dawn l-entraturi minn Hal Safi u l-Imqabba fir-Reġistru ta' Hal Kirkop kellhom jiġu reġistrati wkoll f'xi reġistru ieħor (*ibid.*, 31), u l-anqas nafu li kien jaf li l-parroċċa ġdida tiegħu b'għaqda ma' l-Imqabba u Hal Safi "ma setgħetx tieħu fit-tul" (*id.*, "Hal Kirkop", iii). Il-manuskritt li jinsab fl-Uffiċċju Parrokkjali ta' l-Imqabba, bl-isem ta' *Notulae historicae Ecc[elsi]ae Par[rochilis] Micabibae*, m'huwa reġistru xejn, imma ktieb ta' annotamenti miktub ħafna wara, li jinkludu (3-6) lista, ikkupjata mir-Reġistru ta' Hal Kirkop, ta' dawk li, għalkemm mill-Imqabba, ġew mgħammda f'Hal Kirkop. Dan sar minn studjuż li ġabar dak li kien jinteressa lill-Imqabba, fl-aħħar mill-aħħar, bħalma aħna għamilna f'dan l-istudju.

9 Il-parroċċa ta' Birmiftuħ, fil-fatt, kienet ilha vakanti mill-1575, meta kien intwera lill-kappillan ta' Birmiftuħ, Dun Bartilmew Mangion, mill-Arċidjaknu tad-djoċesi, ix-xewqa li jinbidel il-kappillan. Fil-fatt, Dun Bartilmew għamel dikjarazzjoni li hu kien qed jagħmel xogħol pastorali, inkluż f'Hal Kirkop, mhux b'sens ta' dover, imma b'rispett lejn dawk li kienu parruċċani tiegħu: *non vado p[er] obligo, ma p[er] devotione di chi mi chiama* (Dusina, 442). A. Bonnici, *Lejn l-erezzjoni*, 28, jinterpreta dan, però, bħala li ma kien hemm ebda legat li lilu kien jorbtu ma' l-knejjes satelliti ta' Birmiftuħ.

10 Hija ironija li l-Imqabbin issa, fl-1593, talbu li jerġgħu jaqgħu taħt Birmiftuħ minħabba l-antenati tagħhom meta fl-1575 xi nies mill-Imqabba talbu lill-Isqof Dusina li ssir parroċċa ġdida li tgħaqqad lill-Imqabba, Hal Farruġ u Hal Kirkop: *et simul cum Farrugia et Percopo fieri novam Parrochiam* (Dusina, 189); hija wkoll ironija li l-istess Imqabbin, wara, fl-1595, talbu lill-Isqof Gargallo li titwaqqaf parroċċa għalihom wara li Dun Karlu Taliana ġie meħud f'Birmiftuħ sentejn qabel propju sabiex huma jkomplu bil-konnessjoni tagħhom ma' l-antenati hemmhekk, kif xtaqu huma stess fl-1593; min-naħa l-oħra, is-Safjin ma baqgħux jitolbu li jingħaqdu f'parroċċa waħda maż-Żurrieq kif kienu talbu lil Dusina: *petunt uniri ad Capellam Cas[alis] Surricani* (P. Dusina, 192).

11 Abela (*ibid.*) jagħmilha ċara li "waqt li l-Isqof xtaq li jżomm sħiħa d-diviżjoni li kienet twettqet", jiġifieri, li Hal Kirkop, Hal Safi u l-Imqabba ma jibqgħux jagħmlu mill-parroċċa ta' Birmiftuħ, allura wieħed jikkonkludi li Hal Safi u l-Imqabba baqgħu jagħmlu mill-parroċċa ta' Hal Kirkop sakemm inqatgħu mill-matriċi immedjata tagħhom, Hal Kirkop. Li l-knisja parrokkjali ta' Hal Kirkop kienet fil-fatt il-knisja matriċi ta' l-Imqabba u ta' Hal Safi u li kien magħdud hekk fil-passat qadim huwa kkonfermat kemm mit-terminu ta' "Matriċi" li l-Kappillan Dun Ġwann Xmun Azzopardi kien iħobb juża għall-knisja tiegħu tul il-parrokat tiegħu (ara *Appendiċi*, fuq), u kemm mill-viżta pastorali ta' l-Isqof Luqa Bonus fl-1667: *V[isitav]it Par[rochia]lem Ecc[lesi]am p[raedic]tam Cas[alis] Corcop olim Matricem Casalium Micabiba et Safi* (*V. p. - 1667*, 390).

Dan qegħdin ngħiduh minkejja l-preżenza tan-nota li ġiet meħmuża fil-bidunett ta' l-ewwel Reġistru ta' l-Imqabba, li tgħid li l-parroċċa ta' l-Imqabba nqatgħet minn Birmiftuħ: *Fù smembrata la Par[rochia]le della Micabba dalla Par[rochia]le di Bir[miftu]h nel mese di Novembre l-Anno 1598 come appare negli atti del fù no[tario] Gio[vanni] Dom[enico] Debono*. Kemm il-kalligrafija, u kemm ir-riferenza lejn l-Imqabba bħala "*Micabba*" minflok "Micabiba" jew "Micabibe" huma indikazzjonijiet ċari li din in-nota ġiet indaħħla wara. L-istess ġara fuq xi noti li jidhru quddiemnett fl-ewwel Reġistru ta' Hal Kirkop, li kronoloġikament kellhom jidhru wara, kif ippreżentajnihom aħna fl-*Appendiċi*.

Ir-raġunijiet li l-Isqof Gargallo talab lill-Kappillan Taliana jeżerċita l-pastorali tiegħu anke minn Birmiftuħ (u mhux eskluż mit-tlett irħula) kienu sabiex jiġu rrispettati x-xewqat espressi

tal-parruċċani Safjin u Mqabbin li jibqgħu bir-rabta sentimentali tagħhom ma' l-antenati tagħhom f'Birmiftuħ, u li ma jkunux involuti fi spejjeż ta' bini ta' knisja mhux fir-raħal tagħhom. Dan l-arranġament seta' jsir billi Dun Karlu Taliana jibqa' jkun kappillan ta' Ħal Kirkop u jsir, fl-istess waqt, ko-kappillan ta' Birmiftuħ. In-nies ta' l-Imqabba u ta' Ħal Safi ma kellhom ebda għażla jew, kif intqal, fakultà li "jippreferu li jibqgħu kompletament taħt Birmiftuħ" (A. Bonnici, *Lejn l-erezzjoni*, 30).

12 Micallef, 11, jgħidilna li meta Dun Ġwann Mizzi nħatar kappillan ta' l-Imqabba f'Novembru, 1598, "qabad u ħa r-reġistru li fuqu kien qed iniżżel il-magħmudijiet u ż-żwieġijiet ta' Ħal Safi u kompla jużah bħala l-ewwel reġistru parrokkjali tal-parroċċa ta' l-Imqabba!" (ara wkoll P. Callus, 9). Fil-fatt, fl-ewwel entratura fl-ewwel Reġistru ta' l-Imqabba, f'folio 7, insibu biss magħmudijiet mill-Imqabba, waqt li f'folio 8, insibu l-ewwel 4 magħmudijiet minn Ħal Safi, imbagħad żwieġ wieħed minn Ħal Safi u, fl-aħħar, magħmudijiet oħra mill-Imqabba. Dawn li ġejjin huma l-entraturi fl-ewwel Reġistru ta' l-Imqabba li jikkonċernaw lil Ħal Safi:

| | | | |
|---|---|---|---|
| magħmudija | 2 ta' Awwissu, 1598 | Madalena Caruana<br>bint Ġużeppi u Marjetta | minn Ħal Safi |
| | 19 ta' Awwissu, 1598 | Anjeża Falzon<br>bint Bernardu u Duminka | minn Ħal Safi |
| | 19 ta' Awwissu, 1598 | Speranza Caruana<br>bint Bernardu u Duminka | minn Ħal Safi |
| | 30 ta' Ottubru, 1598 | Marju [Cutajar]<br>bin Ġulju u Ġovanella | minn Ħal Safi |
| żwieġ | 17 ta' Awwissu, 1598 | Agata, armla ta' Ġulju Portelli,<br>ma', Nikol Camilleri, | minn Ħal Safi,<br>minn Ħal Lew. |

Jidher ċar li jekk Dun Ġwann Mizzi veru ħa miegħu l-ewwel Reġistru ta' Ħal Safi, dan ma' kien "reġistru" xejn, imma karta ta' notamenti li fuqha kien hemm l-erba' magħmudijiet u żwieġ wieħed li semmejna fuq; wara dawwar il-karta u beda jikteb bl-ewwel magħmudija mill-Imqabba ta' Jannar, 1599, u wara, meta dawwar il-karta, kompla jikteb wara l-uniku żwieġ ta' Ħal Safi ta' Awwissu, 1598. Fl-aħħarnett, dawn il-karti ġew innumerati u llegati kif jidhru llum. Peress li l-ewwel reġistru tal-magħmudijiet f'Ħal Safi jibda bis-sena 1600, jidher li hija mitlufa l-informazzjoni fuq is-sena 1599.

Skond Taliana, it-tniżżil fir-reġistru parrokkjali ta' Ħal Kirkop tal-parruċċani mill-Imqabba waqaf fl-1 t'April, 1596. Skond l-awtur tal-manuskritt *Notulae* li semmejna fuq, 9, Dun Ġwann Mizzi beda l-parrokkat tiegħu fil-15 ta' Settembru, 1598. Quddiemnett ta' l-ewwel Reġistru ta' l-Imqabba nsibu li l-Imqabba nqatgħet f'Novembru ta' l-istess sena: *Fù smembrata la Par[rochia]le della Micabba dalla Par[rochia]le di Birmiftuħ nel mese di Novembre l-Anno 1598*. L-ewwel entraturi fir-Reġistru ta' l-Imqabba, bħala magħmudija, imwiet u żwieġ, li jibdew f'Jannar tal-1599, huma dawn:

| | | |
|---|---|---|
| magħmudija | 6 ta' Jannar, 1599 | Ġwanni Duminku Bonavia mill-Imqabba |
| imwiet | 22 ta' April, 1599 | Franġisku Ellul mill-Imqabba |
| żwieġ | 7 ta' Frar, 1599 | Pawla Agius, bint Leonardu, mill-Imqabba,<br>ma' Marku Farrugia, bin Indrì, minn Ħal Kirkop |

Hawnhekk wieħed isaqsi, x'sar minnha l-informazzjoni dwar il-parroċċa ta' l-Imqabba bejn April, 1596, u Diċembru, 1598 (sentejn u nofs)? Jidher li dak li ġie salvat fl-Imqabba fuq Ħal

Safi almenu għadu jeżisti; mhux hekk nistgħu ngħidu fuq l-Imqabba nnifisha. Jidher li l-Kuratt ta' l-Imqabba ta' qabel Settembru, 1598, kif ukoll Dun Ġwann Mizzi nnifsu bejn Settembru u Diċembru tal-1598, ma ħallewlna xejn.

13 Il-Kappillan Dun Karlu Taliana kien minn Ħal Luqa; sar qassis fis-6 t'April, 1585; ġie appuntat kappillan ta' Ħal Kirkop mid-29 ta' Mejju, 1592, u kellu 55 sena fl-1618: *Comparavit Rev[erend]us Don Carolus Taliana Casalis Lucae aetatis 55 annorum Parochux Casalis Percop ... ad quem [Presbyteratum] fuit promossus die 6 Aprilis 1585* ( Cagliares, *V.p. - 1618*, 72). Kienet sfortuna għalih u għall-parruċċani li kellu jiġi sospiż milli jeżerċita s-sagramenti u l-qadi ta' dmirijietu minħabba problema tax-xorb. Tul iż-żmien tas-sospensjoni tiegħu, ġie maħtur viċi Dun Luqa Schembri: *Fuit exa[mina]tus circa celebratione missarum, et sua ministeria, et fuit repertus habere mediocrem sufficientiam, tamen quia est publicus ebrius, et frequentator tabernandae, suspensus fuit ab officio sacerdotis, et curae, coeterorumque sacramentarum. ... R[everensiddi]mus D[ominus] deputavit in Vicarium Parrochialis Eccl[esiae] pr[aedic]tae Casalis Percop Rev[erendum] Don Lucam Xchembri V[triusque] J[uris] D[octorem]* (*ibid.*, 73v.).

Fl-1621 għadna naraw lil Dun Karlu Taliana kappillan tar-raħal meta fil-viżta pastorali ta' wara ta' l-istess Cagliares, il-kappillan ilmenta li l-anqas biss kellu fejn joqgħod, wara 23 sena ta' parrokat. L-isqof mill-ewwel ordna li tiġi provdut lilu akkomodazzjoni: *Comparuit R[everen]dus Parochus et exposuit se nu[squa]m habuisse habitationem ab incolis d[ict]i Casalis sui parrochianis sed semper conduxisse domum expensio fuit soluta pro medietate ab ipso ... Instat p[ro]p[ter]ea impositum sibi concedi aliquam domum, pro eius vel edificari aliquam domum, pro eius commoda habit[atio]ne ...* (*V.p. - 1621*, 71v.).

A. Bonnici, *San Leonardu*, 15, jgħid li Dun Karlu baqa' jmexxi lill-parroċċa sal-mewt, għal 38 sena. Ma' dan kollu, ismu mhuwiex imsemmi fir-Reġistru tal-Imwiet. Jidher, għalhekk, li ma mietx f'Ħal Kirkop u l-anqas indifen hawn. Tifkirietu, però, kienet miżmuma għal xi żmien sa, almenu, l-1634, permezz ta' inkwadru fil-kappella tal-Lunzjata, fuq il-lemin ta' l-artal, eżatt fejn illum hemm l-inkwadru tal-benefattur Franġisku Cassar; tal-Kappillan Dun Ġużepp Barbara; ma' dan l-inkwadru ta' Taliana, kien hemm ukoll xbieha ta' l-irħam tal-Madonna: *A dextris Altaris pendet icona referens imaginem D[on] Caroli cum imagine marmorea D[ivae] Mariae* (Pontremoli, *V.p. - 1634*, 60v.).

14 Dun Alessandru Bellia kien ġa sar kappillan fl-1630 meta isqof kien Cagliares: *Est dictae Parociae nunc Rector R[everen]dus J[uris] U[riusque] D[octor] Don Alexander Bellia* (Cagliares, *V.p. -1630*, 57).

15 Il-Kappillan Dun Ġwann Xmun Azzopardi insibuh l-ewwel darba fil-viżta pastorali tal-1654 (M.J. Balaguer, *V.p. - 1654*, 241). Huwa kellu l-isfortuna li jgħaddi xi żmien il-ħabs minħabba l-Inwkiżizzjoni, qabel ma spiċċa minn kappillan (A. Bonnici, "Ħal Kirkop", vi; *id.*, *San Leonardu*, 15).

16 Lil Dun Grazzju Farrugia, Dun Ġwann Marija Cassar u lil Dun Kożma Farrugia nsibuhom fil-viżta pastorali ta' Bonus, fl-1667, ammoniti, kif ħafna drabi nsibu lil kemm qassisin u kemm lajċi, li jipprovdu xi ħtiġijiet, hawnhekk bħal purifikaturi, fi żmien xahrejn: *quat[enu]s velint et debeant et unusquisque eorum velit, et debeat facere sex purificatura et quolibet, infra menses duos ab hodie sub poena suspensionis ipso facto incurrenda* (Bonus, *V.p. - 1667*, 388).

17 Il-Kappillan Dun Mattew Stafrage insibuh fil-viżti pastorali l-ewwel darba f'dik ta' Balaguer ta' l-1663 (*V.p. - 1663*, 350). Miet bil-pesta fl-1676, barra mir-raħal, 14 il-sena wara li kien

spiċċa minn kappillan (A. Bonnici, *San Leonardu*, 16).

[18] Micallef, 24; AAV *Segr. VP 1667*, ff.476-478v.

[19] Lil Dun Duminku Farrugia nsibuh l-ewwel darba fil-viżti pastorali f'dik ta' Attard ta' l-1666 (*V.p. - 1666*, 218). Fil-viżta pastorali f'Ħal Kirkop fl-1673 mill-Isqof Lawrenz d'Astiria insibu, kurat tal-parroċċa tagħna, lill-viċi, Dun Ġwanni Marija Cassar, peress li l-kappillan, Dun Duminku Farrugia, kien ġie sospiż milli jeżerċita s-sagramenti għal raġunijiet mhux magħtija: *Rev[erendo] Ioanne Maria Cassar Vicario loco M[ul]tum R[even]di D[omini] Don Dominici Farrugia d[ict]ae Ecclesiae Rectoris paulo ante ob causas in desrep[utatione] captis informationibus conte? A sacram[en]torum administratione suspensi* (*V. p. - 1673*, 307). Fl-1679, l-aħħar sena li qed ninkludu fl-istudju tagħna f'dan l-artiklu, meta l-Isqof Mikiel Molina għamel il-viżta pastorali tiegħu fir-raħal, insibu li Dun Duminku Farrugia kien ġa lura fil-pożizzjoni tiegħu ta' qabel bħala kappillan tar-raħal (*V. p. - 1679*, 309). L-esperjenza tal-Kappillan Dun Duminku Farrugia tagħlaq kapitlu xejn sabiħ ta' trattament sever lejn tlieta mill-ewwel ħames kappillani tal-parroċċa tagħna.




Iċ-Ċimiterju/Kappella ta' San Ġakbu, Ħal Kirkop
*(Figura 1 minn Dr H.C.R. Vella u B. Caruana)*



Arkata għall-Kappella ta' San Ġakbu, Ħal Kirkop
*(Ritratt minn B. Caruana)*



Arkata għall-Kappella ta' San Ġakbu: diżinn ta' fuq
*(Ritratt minn B. Caruana)*



Passaġġ mill-Arkata għall-Kappella ta' San Ġakbu
*(Ritratt minn Dr H.C.R. Vella)*



Ġebel Antik maħdum fejn kienet il-Kappella ta' San Ġakbu
*(Ritratt minn Dr H.C.R. Vella)*



Ġebla Antika Skulturata fejn kienet il-Kappella ta' San Ġakbu
*(Ritratt minn Dr H.C.R. Vella)*




Iċ-Ċimiterju/Kappella ta' San Nikola u Kappella ta' San Ġwann Battista, Ħal Kirkop
*(Figura II minn Dr H.C.R. Vella u B. Caruana)*



It-Triq l-Antika lejn Birmiftuħ biċ-Ċimiterju ta' San Nikola fuq il-lemin
*(Ritratt minn Dr H.C.R. Vella)*



Ġebla Antika ta' Ċaċċis ta' Bieb maċ-ċint tat-triq l-antika ta' Birmiftuħ ħdejn iċ-Ċimiterju l-antik ta' San Nikola
*(Ritratt minn Dr H.C.R. Vella)*



Ġebel Antik mahdum (u bit-tajn antik) fejn kienet il-Kappella ta' San Nikola
*(Ritratt minn Dr H.C.R. Vella)*



Ġebel Neolitiku (?) fejn kienet il-Kappella ta' San Nikola
*(Ritratt minn Dr H.C.R. Vella)*



Kappella tal-Lunzjata
*(Ritratt minn B. Caruana)*



Kappella tal-Lunzjata: diżinn fuq bieb)
*(Ritratt minn B. Caruana)*



Kappella tal-Lunzjata (minn ġewwa)
*(Ritratt minn Dun Karm Camilleri)*



Pittura tal-Kruċifissjoni u ta' l-Assunzjoni illum fil-Lunzjata, Ħal Kirkop)
*(Ritratt minn Dun Karm Camilleri)*



Misraħ Ħal Kirkop, Sqaq Sant'Indrija u s-Salib tal-Ġebel
(Il-Kappella ta' l-Assunzjoni probabilment kienet f'dan l-isqaq)
*(Ritratt minn B. Caruana)*